GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA

# familja

Awwissu 2026 Numru 41



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
U L-FAMILJA

# familja

Rivista Familja hi inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Attivitajiet u tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja (MSF).

Familja toħroġ online, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista Familja tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:

Tonio Bonello, MSF
Taqsima tal-Attivitajiet u tal-Komunikazzjoni,
Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Nru 38
Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' Familja mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

Tonio Bonello
Editur

## familja.media@gov.mt

Ħajr

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mark Musù<br>Segretarju Permanenti<br>MSPC | Alexia Vella<br>Direttur Ġenerali | Grazio Barbara<br>Qari tal-Provi | Helena Holland<br>Ġemma | Peter Miceli Saydon<br>Grafika u Distribuzzjoni | u l-kontributori kollha |

L-EDITORJAL

## Id-dritt meta, għall-avventura tasal tagħmel kollox!  Dritt?



Tonio Bonello
Editur Media MSF

L-adrenalina hija ormon u newrotrażmettitur prodott proprju mill-glandoli adrenali (jew glandoli surrenali), li jinsabu eżatt fuq il-kliewi.

Dan l-ormon jissejjaħ ukoll epinephrine. Li jiġri hu li l-ġisem jirrilaxxa l-adrenalina f'mumenti ta' stress, biża', periklu, jew meta bniedem iħoss eċċitament kbir. Hi element ewlieni f'dak li bl-Ingliż jissejjaħ "fight or flight response" - jiġifieri r-reazzjoni li tipprepara lill-ġisem biex jiġġieled jew jaħrab mill-periklu.

Meta l-adrenalina tidħol fid-demm, tikkawża bidliet fiżiċi immedjati biex issalvak jew tagħtik enerġija. Il-qalb tibda tħabbat aktar biex twassal aktar demm u ossiġnu lill-muskoli. Tgħolli l-pressjoni tad-demm: Il-vini jidjiequ biex jidderieġu d-demm lejn l-organi l-aktar importanti, waqt li l-pulmuni jinfetħu aktar biex il-persuna tieħu aktar arja u ossiġnu. Il-ġisem jirrilaxxa aktar zokkor (glukożju) fid-demm biex jagħti saħħa immedjata lill-muskoli.

Fid-dinja tal-mediċina, l-adrenalina tintuża bħala mediċina li ssalva l-ħajja (permezz ta' injezzjoni bħall-Epipen) f'każijiet ta' allerġiji severi ħafna (anafilassi) jew meta tieqaf il-qalb.

Iżda fid-dinja tal-isport u/jew avventura, tidħol fil-funzjoni ta' dawk li jħobbu jipprattikaw attivitajiet estremi, mhux tas-soltu, bħal bungee jumping, li dan jagħmluh għax jieħdu pjaċir bir-reazzjoni tal-adrenalina f'ġisimhom. Hawnhekk, fejn l-adrenalina, xi drabi tirriżulta f'ċirkostanzi opposti għal dawk fil-qasam tal-mediċina. Fi ftit kliem, flok bħala mediċina biex issalva l-ħajja, sitwazzjoni fejn tista' tintemm f'fatalità, jew saħansitra mewt!

U hekk ġara ftit tal-ġimgħat ilu biss. Imma l-kawża ma kenitx sforz l-adrenalina, imma aktarx, minħabba fi traskuraġni. Għalkemm biex kien hemm dan l-aħħar element, qabel kien hemm dan il-ħsieb li wieħed, jew waħda tagħmel attività biex tħoss dan l-effett tal-adrenalina. Imma mhux hekk seħħ.

Fis-16 ta' Ġunju, tfajla ta' biss 21 sena marret mal-ġuvni tagħha fl-istat ta' Sao Paolo fil-Brażil għax riedet tagħmel din l-avventura ta' bungee jumping. Is-sit fejn marret biex tagħmel dan, kif imtenni minn sorsi uffiċjali jidher li kien ilu magħluq is-snin, imma xi persuni biex jaqilgħu il-ħobża ta' kuljum kienu jmorru hemm u joffru (bi ħlas) li kull min ried imur jaqbeż minn fuq il-pont billi jorbtuh (bħala protezzjoni) u jitfgħuh għal isfel.

Imma f'dan il-kas mhux hekk ġara għaliex il-ħabel li kellu jkun imlibbes mal-persuna, bi żball, ma kienx ġie marbut magħha. U ħafna mill-mezzi tal-media soċjali wrew il-filmati ma' kull rokna tad-dinja juru x-xena ta' qsim il-qalb ta' din it-tfajla ta' biss 21 sena merfugħa minn tlett irġiel b'idejha miftuħa, letteralment f'idejn dawn l-irġiel lesta, destinata għall-aħħar vjaġġ tagħha fuq din l-art.

Tfajla mimlija enerġija, b'aspirazzjonijiet kbar, b'ħolm ta' x'se tagħmel għal futur, bil-ġuvni tagħha, bil-familjari li ħalliet f'art twelidha jistennew ħerqana li tfittex terġa' tmur lura mill-btala tagħha, u hekk ħesrem, f'temp ta' biss ftit sekondi, tara qed tintefa għal isfel biex, suppost ħadet fiha l-gost tal-adrenalina!

Dawn affarijiet li jiġru. Li jiġru mhux biss f'dan it-tip ta' "sport" li mhu sport xejn, imma anke f'dawk li jissejħu "theme parks" jew "amusement parks" fejn numru ta' "rides" irriżultaw f'inċidenti mill-aktar fatali għal persuni (aktarx żgħażagħ) li proprju jkunu ħallsu l-flus biex jispiċċaw b'diżabilità għal għomorhom jew saħansitra jmutu.

Mhux qed ngħid li dejjem jiġri dan, anzi, bil-kontra, dawn huma inċidenti aktarx rari, imma kif kienu jgħidu l-intelliġenti Maltin missirijietna, "min jilgħab man-nar, jinħaraq", "il-ġarra ġejja u sejra, fl-aħħar tinkiser", u "min jittarraf, jiġġaraf."

**BBC News**
June 16 at 1:31 AM ·

A woman has died in what appears to be a tragic extreme sports accident in Brazil.

Three men have been arrested over the incident, in which instructors failed to attach a rope to her before helping her jump from a bridge in São Paulo state.

Read more: https://bbc.in/4eouc2V




Sors: BBC News

Ħa nkun ċar, jien qatt f'ħajti ma qbilt mal-ebda gvern, istituzzjoni li tilleġiżla vizzji, fosthom il-logħob, id-droga, it-tabakk, l-alkoħol u l-kumplament. Dawn, waqt li jħallu ftit minn nies forsi miljunarji, imma jħallu ħafna vittmi fil-forma ta' persuni vulnerabbli li jaqgħu għal dawn il-vizzji. Imma agħar minn hekk, li magħhom ikollhom ibatu dawk l-aktar għeżież tagħhom; l-omm, il-missier, ir-raġel, il-mara, l-ulied!

Imma ejja ngħid li bniedem ivvizzjat, mar fi stabbiliment u nefaq kull ma kellu. Issogra li jista' jirbaħ u forsi jsir sinjur. Imma ssogra ferm aktar li jista' jitlef (kif fil-fatt tkun il-prassi) u jmur lura d-dar f'sitwazzjoni agħar milli kien. Mhux biss għalih, imma nerġa' ngħid, għal dawk li jgħixu miegħu. Imma s-sitwazzjoni f'dawn il-każijiet, ma tkunx essenzjalment kawża li tiddetermina ħajja jew mewt. Ħajja aħjar, jew ħajja agħar.

Iżda meta għandek ċirkostanzi tali tas-suġġett li dwaru qed nindirizza llum, is-sitwazzjoni li tirrappreżenta hija fil-veru sens tal-kelma, sitwazzjoni ta' ħajja jew mewt. Li imma l-bniedem, speċjalment meta jkun ta' età żgħira (bil-Malti ngħidu, 'ma jaħsibhomx') jeħodha proprju b'garanzija assoluta li se joħroġ minnha ħaj u qawwi u sħiħ, meta filfatt, il-qies ta' li jibqa' ħaj jew li ma jibqax, hi fil-fatt qies eżatt li bħal li kieku munita li għandha żewġ uċuħ.

Hu fejn hawn, l-element ta' statistika, ta' ċifri, ta' storja, ta' reputazzjoni li tista' tgawdi l-entità, tal-eċċezzjoni remota ta' kemm fil-fatt hi aktarx possibbiltà li ma jista' jiġri xejn ħażin, dan kollu ma jreġġix. Dan għas-sempliċi raġuni li kif (nerġa' nikkwota) il-qwiel intelliġenti tal-għaqlin missirijietna, "xemx u xita, Alla jaf meta!"

Jien, li jien ġenitur ta' tfajla li se tagħlaq 20 sena. Li ġibtha fid-dinja jien. Li rabbejtha jien. Li ħabbejtha jien. Li tajt saħħti għaliha jien. Li tajt ħajti għaliha jien. Jien le, qatt ma nasal (anke jekk ta' 20 sena, ta' 30 sena, ta' 40 sena) li nippermetti li tmur tissogra tispiċċa b'diżabilità severa jew saħansitra titlef ħajjitha, sempliċment għal dan il-misħut effett ta' adrenalina. Din mhix kwistjoni ta' għax għalqet it-18 (jew issa, is-16) u kif inhi l-kelma fuq fomm iż-żagħżagħ illum; "Issa nistgħu nagħmlu li rridu!"

Fil-verità, f'ħafna affarijiet il-bniedem ma jistax jagħmel li jrid. Ħadd ma jista' jaqbad u jsuq, jekk m'għandux liċenzja tas-sewqan! Ħadd ma jista' ma jmurx skola! Ħadd ma jista' ma jaħdimx u jippretendi li jirċievi salarju! Ħadd ma jista' ma jħallasx taxxa! Ħadd ma jista' jipperikola, jew saħansitra jneħħi l-ħajja ta' ħaddieħor.

U b'dan l-argument, ħadd m'għandu jkollu jedd joffri ambjenti, attivitajiet u/jew sitwazzjonijiet li fihom u bihom jista' jikkawża li jiġru inċidenti u/jew fatalitajiet. Wasal iż-żmien li nerġgħu nitkellmu b'naqra sustanza, sens komun u li hu tajjeb, ngħidulu tajjeb, inżommuh u nippriservawh, imma li hu ħażin, ngħidulu ħażin, u nwarrbuh u minflok, noffru alternattivi li xorta jagħtu sodisfazzjon, iżda li kemm jista' jkun ma jagħtux aktar traġedji!

Mark Musù
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja

## Qed ikunu mħejjija proposti għall-miżuri soċjali li se jiġu inklużi fil-Budget 2027



Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja bħalissa għaddej b'ritmu mgħaġġel iħejji l-proposti għall-miżuri soċjali li se jiġu inklużi fil-Budget 2027. Din il-ħidma bdiet mill-ewwel ġranet tal-leġiżlatura l-ġdida, u bħal dejjem, l-għan tagħna hu li nassiguraw li l-miżuri jiġu ppjanati b'mod komprensiv u mwettqa fil-ħin, għall-benefiċċju ta' dawk kollha li jiddependu minnhom.

Matul it-taħdidiet li saru, ġie kkonsolidat il-qafas tal-miżuri proposti u bħalissa qed naħdmu fuq il-pjan tat-twettiq tagħhom. Ladarba l-miżuri jiġu approvati u mħabbra fil-Budget ta' Ottubru, il-Ministeru taħt il-gwida tal-uffiċċji tiegħi u bl-għajnuna kbira ta' diversi persuni, inniedu l-implimentazzjoni tagħhom minnufih, kif sar b'suċċess matul din is-sena u fis-snin ta' qabel grazzi għall-ħidma ta' diretturi, uffiċjali u ħaddiema dedikati.

Il-missjoni tagħna tibqa' waħda ċara: li nassiguraw li kull miżura soċjali tasal għand il-benefiċjarji b'effiċjenza, b'korrettezza u fil-waqt. Dawn il-miżuri jindirizzaw diversi gruppi fis-soċjetà—fosthom il-pensjonanti, il-familji, it-tfal, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabilità u individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.


Ritratt: Atlantic Ambience

Ħarsien soċjali

Barra l-ħidma estensiva fis-sigurtà soċjali, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja kompla jsaħħaħ diversi oqsma oħra ta' importanza nazzjonali. Ix-xogħol fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal kompla jissaħħaħ permezz ta' servizzi preventivi u interventi speċjalizzati, bil-għan li jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkollhom ambjent sigur u stabbli.

Il-Ministeru kompla jsaħħaħ ukoll is-servizzi għall-vittmi ta' vjolenza domestika, b'aktar koordinazzjoni bejn l-aġenziji u titjib fil-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza.

Fl-ambitu tal-ħarsien tal-familja, inħolqu inizjattivi ġodda li jindirizzaw sfidi soċjali kontemporanji, fosthom programmi dwar saħħa mentali, appoġġ għall-ġenituri u servizzi ta' gwida għall-familji li qed jiffaċċjaw diffikultajiet.

Komplejna nfasslu aktar policies u strateġiji sabiex inkomplu nkunu ta' sostenn għal firxa wiesa' ħafna ta' nies li jeħtieġu s-servizzi tagħna. Bqajna għaddejjin b'aktar ftehimiet ma' Għaqdiet Volontarji sabiex niffinanzjaw il-ħidma fejjieda tagħhom waqt li diversi direttorati jew entitajiet oħra komplew bil-ħidma kbira tagħhom, anke jekk xogħolhom ma jkunx jidher imma jinħass u huwa apprezzat ħafna.

Dawn l-isforzi jkomplu juru l-impenn tal-Ministeru li jindirizza l-bżonnijiet varji tas-soċjetà b'viżjoni komprensiva u sostenibbli.

## Ħidma kontinwa u apprezzament

Nixtieq ukoll nesprimi l-apprezzament tiegħi lejn kull min ħadem biex il-Ministeru ċċelebra b'mod professjonali, sinifikanti u kif jixraq is-70 anniversarju tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna. L-attendenza u l-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet kienu prova ċara tas-suċċess ta' dan l-avveniment nazzjonali, li sar sabiex jitfakkru d-dħul ta' dawn iż-żewġ liġijiet kruċjali fil-pedamenti tas-sigurtà soċjali f'Malta fl-1956, (1) Il-Liġi tal-Assigurazzjoni Nazzjonali u (2) Tal-Assistenza Nazzjonali.

Dawn iż-żewġ liġijiet, flimkien ma' dik tal-Pensjoni tal-Età li kienet daħlet qabel, illum jikkostitwixxu l-bażi tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li kien daħal fis-seħħ fl-1987.

## Nota ta' sogħba

Sfortunatament ma nistax ma nagħlaqx dan il-messaġġ tiegħi b'nota ta' swied il-qalb hekk kif ftit tal-ġimgħat ilu tlifna kollega - Bryan Degabriele, Direttur fi ħdan il-Benefits Compliance Directorate. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem u noffru l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familja tiegħu.

Tonio Bonello
Editur

**Is-Sur Joe Camilleri**
**Kummissjonarju Elettorali Prinċipali**

**Eks Direttur Ġenerali**
**tad-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali**



Is-Sur Joe Camilleri twieled fit-12 ta' Frar 1959 f'Melbourne fl-Awstralja. Illum jogħqod fil-lokalità tas-Swieqi u bħalissa jokkupa l-kariga ta' Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.

Bħala stat, miżżewweġ, dejjem kien impjegat fis-servizz pubbliku u tela' l-iskali kollha fis-servizz ċivili bla ma qatt ħares lura. Iħobb isiefer, dilettant tal-biedja u tat-trobbija tal-għasafar, kif ukoll jagħmel xogħol ta' restawr tal-għamara.

Segwa l-istudji tiegħu fl-iskola Sekondarja ta' tas-Sliema, imbagħad fl-Upper Secondary fil-Belt, u l-Università ta' Malta minn fejn kiseb Diploma fl-Amministrazzjoni Pubblika. Eventwalment kompla l-istudji tiegħu ma' Henley School of Management fejn temm b'suċċess Masters fil-Business Administration.

**Iltqajt mas-Sur Camilleri fl-uffiċċju tiegħu fejn staqsejtu dwar - Kif kien il-bidu tal-karriera tiegħu fil-qasam tas-Sigurtà Soċjali ta' pajjiżna?**

Dħalt bħala Skrivan fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fl-1 ta' Lulju 1977. Kont bdejt fit-Taqsima tal-Infurzar (dak iż-żmien) u wara xahar ġejt trasferit għat-Taqsima tal-Pensjonijiet. Wara eżami kont ilħaqt Executive Officer u aktar tard, Prinċipal.

Kont għamilt l-ewwel eżami li sar għal Senior Principals fejn għaddejt u komplejt b'ħidmieti,  dejjem fit-Taqsima tal-Pensjonijiet. Sussegwentament sirt Assistent Direttur dwar Benefiċċji Kontributorji.

Fl-2004 sirt Direttur (Servizzi Korporattivi) fil-Ministeru għall-Politika Soċjali. Fl-istess sena għamilt lateral move u sirt Direttur (Sigurtà Soċjali).  Fl-2007 sirt l-ewwel Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u bqajt naħdem fid-Dipartiment sal-2013.

Xi żmien wara kont inħtart Segretarju Permanenti u mxejt għal Ministeru ieħor fejn bqajt hemm sal-2020 meta fl-Lulju imbagħad assumejt il-kariga preżenti ta' Kummissjonarju Elettorali Prinċipali. Fi ftit kliem għamilt 36 sena naħdem f'diversi karigi tas-Sigurtà Soċjali u sal-lum qbiżt it-48 sena fis-Servizz Pubbliku.

Bħala ambjent, jien bdejt f'perjodu fejn id-Dipartiment kien pjuttost żgħir. Pereżempju, l-iStaggers kull ma' kien hemm erba' skrivani f'kull waħda u Supervisor. Pensjonijiet konna 8 skrivani biss.  Kien żmien fejn kollox kien isir manwalment.

Fis-36 sena tiegħi rajt u ħdimt f'ħafna riformi fil-qasam tas-Sigurtà Soċjali. Kont involut f'ħafna diskussjonijiet u għamilt għexieren ta' rapporti dwar tibdil fil-policies fir-rigward tas-Sigurtà Soċjali. Dan apparti l-fatt li rrappreżentajt lid-Dipartiment f'diversi konferenzi u laqgħat barra minn Malta, kemm fil-Kunsill tal-Ewropa, kif wkoll fi Brussell.

Rajt id-dħul tal-calculators u l-adding machines, u wara, il-komputerizzazzjoni fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Qabel id-dħul tat-teknoloġija, kollox kien isir manwalment u nista' ngħid li minkejja dan, id-DSS dejjem kien Dipartiment effiċjenti f'kull żmien.

Kont involut direttament fit-twaqqif tas-sistema komputerizzata f'diversi oqsma tad-Dipartiment imma l-aktar, f'dik tal-pensjonijiet. Kienu żmenijiet fejn tgħallimt ħafna. Illum nibqa' ngħożż dak il-perjodu li kien mimli riformi u sfidi biex intejbu dan il-qasam għal ġid tal-poplu Malti.

Din is-sena qed infakkru s-70 anniversarju mit-tnedija tas-Sigurtà Soċjali f'Malta. X'memorji jġiblek personalment lilek dan l-anniversarju?

Naħseb, għalija dawn is-70 sena kienu deċenji ta' ħidma kontinwa biex pajjiżna minn xejn bena skema ta' Sigurtà Soċjali li tħabbatha sew ma' dik ta' pajjiżi ferm akbar minna.

Sistema li tul dawn is-snin kollha kienet ta' wens finanzjarju liċ-ċittadini Maltin. Illum il-firxa ta' drittijiet tas-Sigurtà Soċjali qed tgħin lill-poplu Malti mit-twelid sal-mewt, u anke wara.

Jien niftakar, meta bdejt jien kont nisma' ħafna anzjani jsemmu kif il-benefiċċji ta' dak iż-żmien kienu qed ikunu ta' għajnuna u wens. Kienu jsemmu kemm in-nies qabel ma' kien hawn is-Sigurtà Soċjali kienu jmorru jittallbu wara l-bieb tat-Tarzna. Dan għaliex dak iż-żmien, it-Tarzna kienet waħda mill-akbar intrapriżi ta' Malta.

Id-dritt għal pensjoni fiż-zmenijiet bikrija tas-seklu għoxrin ma kienx jeżisti għal kulħadd. Illum dak id-dritt huwa garantit għax 70 sena ilu l-Parlament Malti kien introduċa dawk id-drittijiet għall-ewwel darba.

Dawn is-70 sena però jfakkruni wkoll dwar kemm irridu nkunu għaqlin li nkomplu nsegwu u naħdmu biex dawn id-drittijiet jibqgħu sostennibli u jimxu maż-żmenijiet bl-għan li jibqgħu jilqgħu għall-isfidi soċjali ta' kull żmien. B'hekk ikomplu jibqgħu jipproteġu l-familji Maltin.

Xejn ma hu garantit u għalhekk, l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali trid tibqa' tkun it-tarka għall-familji Maltin. Din l-amministrazzjoni hi magħmula mill-politikanti tagħna, mill-maniġment tad-Dipartiment, kif ukoll l-impjegati f'kull qasam u taqsima tal-istess Dipartiment.

**Bla dubju, tiftakar żmien fejn kien isir kollox bl-idejn; il-fotokopji tal-formoli, il-mili tal-formoli, arkivjar ta' mijiet u eluf ta' files, il-biċċa xogħol biex issib file, il-korrispondenzi mal-pubbliku bil-posta u forsi bit-telefown - u dan kollu vs l-introduzzjoni tal-kompjuter, il-printer, il-ħażna tal-informazzjoni elettronika, l-introduzzjoni tal-emails… Imma għid il-verità, x'tippreferi, dak iż-żmien, jew illum? U għaliex?**

Ma tistax tibqa' ankrat fil-passat.  Filwaqt li meta kollox kien isir manwali tgħallimna ħafna aktar kif jgħidu 'hands on', illum jeżistu għodod li jgħinuna nkunu aktar effiċjenti b'anqas spejjeż u għalhekk jinħtieġ li nimxu maż-żmenijiet, l-istess bħalma jridu jagħmlu l-benefiċċji tagħna.

L-importanti hu dejjem li s-sistemi amministrattivi jiżguraw li dawk id-drittijiet imnaqqxa fil-liġijiet soċjali tagħna jilħqu lil benefiċjarji li għandhom dritt għalihom mill-aktar fis possibbli, u nevitaw l-abbuż.

Apparti hekk, bħala amministraturi jinħtieġ nassiguraw li dawk is-sistemi li nħaddmu jkunu rilevanti, mhux biss għal benefiċjarji u biex jagħtu rendikont ta' ħidmietna, iżda li jiffaċilitaw il-ħidma ta' kull uffiċjal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex dejjem ikun jista' jibqa' jagħti servizz mill-aqwa u mingħajr ebda xkiel.


Ritratt: Is-Sur Joe Camilleri

Il-kontabilità tibqa' dejjem l-aktar fattur importanti biex tingħata rendikont xieraq tal-ħidma tad-Dipartiment. Mill-esperjenza tiegħi u minn dak li rajt jien tul iż-żmien li servejt fid-DSS, f'dawn is-70 sena d-Dipartiment dejjem qeda dmiru u amministra s-sistema tas-Sigurtà Soċjali b'mod eċċellenti, skont l-għodda li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

Kulħadd jirċievi l-benefiċċju fil-ħin u skont kif imissu, kemm meta fil-passat konna niktbu ċ-ċekkijiet manwalment, u anke issa meta s-sistema hija waħda komputerizzata. Abbużi dejjem kien hemm, ukoll, imma dejjem tejjibna l-għodda biex fejn seta' kienu qed isiru xi abbużi, dawn jinqabdu.

Ma għandniex ninsew li l-popolazzjoni kibret u allura l-ħidma tad-Dipartiment trid tlaħħaq ma' din iż-żieda fil-popolazzjoni minkejja li n-numru ta' ħaddiema fid-dipartiment baqa' stabbli.

Bil-komputerizzazzjoni bdejna nlaħħqu maż-żieda tal-popolazzjoni u sadanittant, il-benefiċċji dejjem baqgħu jitħallsu fil-ħin.  Mhux hekk biss, imma s-servizz beda jitjieb mill-aspett ta' customer care u jkun anke pro-attiv biex jgħin ċittadini jifhmu x'inhuma d-drittijiet tagħhom mingħajr il-ħtieġa li japplikaw.

**Semmi tliet esponenti ewlenin (jistgħu jkunu impjegati tad-Dipartiment, impjegati tal-Ministeru, uffiċjali tal-Gvern, politikanti, familjari, oħrajn) li kienu kruċjali biex il-qasam tas-Sigurtà Soċjali f'pajjiżna wasal fejn hu llum? U għal xiex dawn il-personaġġi msemmija kienu fundamentali?**

Ma tistax fl-opinjoni tiegħi tifred. L-operat tas-Sigurtà Soċjali jaħdem biex ikun ta' wens għas-soċjetà. Is-soċjetà hi mpattata kemm mill-politika, mill-ekonomija u mill-ħajja soċjali. Biex tfassal il-politika - il-politiku huwa importanti biex flimkien mal-kapijiet tad-Dipartiment jitfasslu l-policies li jtejbu l-ħajja tal-familji Maltin u li l-istess policies jitwasslu liċ-ċittadini li huma intitolati għalihom.

Il-ħaddiema fid-dipartiment iwasslu, kemm l-informazzjoni, kif wkoll il-benefiċċji lill-poplu Malti. Mela kollox huwa katina waħda u kollha jinħtieġu li jaħdmu flimkien. Fl-esperjenza tiegħi dan kien is-suċċess tad-DSS, dak li dejjem ħadmu id f'id mal-politikanti, u l-ħaddiema poġġew fil-prattika dawk il-policies li kienu u għadhom jiġu approvati mill-Parlament Malti.

Katina kif semmejt li tul dawn is-70 sena sawret skema ta' Sigurtà Soċjali li kif diġà għedt, kienet ta' wens għall-poplu Malti. U dan għandu għax jagħmilna kburin li minkejja ċ-ċokon tagħna, għandna skema soċjali li tħabbatha ma' ta' pajjiżi ferm akbar minna.

Semmi dawk l-aktar tlett passi (jew miżuri) importanti li fl-opinjoni tiegħek kienu l-aktar fundamentali u li ġew imwettqa f'dawn l-aħħar 70 sena f'pajjiżna, u għaliex?

Il-pakkett kollu huwa importanti! Kull skema, kull benefiċċju jagħmel parti minn din ix-xibka soċjali. Għalija, ma tistax tifred waħda minn oħra. Għalija, l-iskemi kontributorji u l-iskemi mhux kontributorji huma l-qofol tal-wens soċjali finanzjarju li nipprovdu f'din is-sistema tant importanti.

Semmi tliet miżuri li għadhom ma ġewx imwettqa iżda li minn dejjem kienu l-ħolma personali tiegħek li tara li jidħlu fis-seħħ u li tixtieq li dawn jiġu implimentati matul dawn it-tlett snin li ġejjin? U għalfejn?

Peress li issa ili aktar minn 12-il sena li tlaqt ma nistax inwieġeb din id-domanda. Policies li ħallejt mhux imwettqa kif xtaqt 12-il sena ilu ma jfissirx li għadhom validi u/jew li jgħoddu għaż-żmien tal-lum.

Jien niftakar li meta dħalt naħdem fis-sigurtà soċjali ta' fuqi dejjem kienu jgħallmuni li l-iskemi mhux kontributorji huma t-termometru biex tara jekk il-pajjiż hux miexi sewwa jew le! Jekk jiżdied ir-relief ifisser li hemm aktar nies mhux jaħdmu. Jekk hemm aktar fuq il-pensjoni tax-xjuħ hemm aktar persuni mhux qed iħallsu l-bolla! Tagħlima oħra kienet li jekk il-pajjiż sejjer tajjeb faċli taħseb li l-ispiża tal-bolla hija żejda! Imma malli jkun hawn l-inkwiet fl-ekonomija tagħna (bħalma kellna fi żmien il-covid) l-iskemi soċjali tagħna juru l-vera valur tagħhom għal dawk il-persuni li jkollom bżonn il-wens.

Trid tevalwa dejjem it-tibdiliet fis-soċjetà u tara fejn l-iskema u l-finanzi tal-pajjiż jistgħu jkunu ta' għajnuna. Rajna dan l-aħħar kif it-tapering of benefits ħadmet u kienet ta' għajnuna fl-iskema mhux kontributorja!

Nafu li għandna popolazzjoni li qed tixjieħ u allura rridu naraw aktar kif nistgħu nkunu ta' wens għall-anzjani tagħna. Importanti li ma naħdmux f'vakum imma li nitkellmu ma' entitajiet soċjali oħra biex nevalwaw kif l-iskema tas-Sigurtà Soċjali tista' tgħin fl-iżvilupp soċjali ta' pajjiżna.

Barra minn dan, aħna ma nistgħux ninsew iċ-ċittadini stess li l-vuċi tagħhom tagħtina stampa aktar ċara tal-problemi soċjali li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja moderna li qed ngħixu fiha ta' kuljum.  U dan kien jidher meta l-ħaddiema tagħna fl-Uffiċini Distrettwali kienu jgħidulna x'qed jingħad fl-irħula tagħna.

Kif tħares lejn il-qasam tas-Sigurtà Soċjali, f'perjodu ta' 10 snin mil-lum? Dan anke fid-dawl fejn il-piż tal-pensjonijiet qed dejjem jikber? Taħseb, se tibqa' sostenibbli sitwazzjoni tali għal daqshekk żmien fis-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha llum? Iva jew Le, għaliex?

Jekk wieħed iħares lejn id-dibattiti fil-Parlament bejn l-1948 u l-1956 (jiġifieri meta ddaħħlet l-iskema kontributorja) issib li l-aktar li kien qed jinkwieta l-politikanti ta' dak iż-żmien kienet is-sostenibilità tal-iskema u l-abbużi fit-teħid tal-benefiċċji soċjali.

70 sena wara l-iskema għadha għaddejja u għadha qed tkun ta' wens u sostennibli wkoll! Imma mhux b'kumbinazzjoni! Is-sostenibilità ġiet bil-ħidma ta' kulħadd biex niżguraw li s-sistema tibqa' rilevanti u sostenibbli, u mhux abbużata.

Din ir-reviżjoni trid tibqa' ssir il-ħin kollu u jridu jittieħdu dawk id-deċizjonijiet kollha li hemm bżonn biex niżguraw li s-sistema tibqa' waħda sostennibli u adegwata. Jien kelli x-xorti li nkun wieħed mill-membri li ħdimt fir-rigward tar-riforma fil-pensjonijiet u s-sostenibilità, u nista' ngħid li l-adegwatezza dejjem kienet xi ħaġa li ffokajna fuqha.




Illum fil-liġi hemm ċar li r-reviżjonijiet fuq is-sistema tal-pensjoni trid issir kull ħames snin fejn mhux biex inħarsu lura – imma wkoll 'l quddiem biex insostnu s-sistema tal-pensjoni tagħna.

Għandna 70 sena ta' esperjenza ta' tħaddim ta' skema hekk kbira. M'għandniex naqtgħu qalbna imma rridu nieħdu d-deċizjonijiet biex dejjem insostnu l-iskemi tagħna. Għalkemm issa ili li tlaqt mid-Dipartiment naf li din il-ħidma ta' ħarsien tal-iskema baqgħet issir bil-galbu. Mhux faċli, imma mhux impossibbli.

**Taħseb li l-futur tal-ġenerazzjonijiet tal-anzjani li ġejjin se jkun esklussivament ibbażat fuq Pjan ta' Pensjonijiet Privati, jew tħoss li l-Gvern (ikun min ikun) xorta waħda jrid jara li b'xi mod jibqa' responsabbli, u li b'xi mod ikollu rwol ta' sehem fil-piż biex l-anzjani Maltin u Għawdxin t'għada jibqa' jkollhom dħul deċenti għal tul ħajjithom kollha?**

Ma naħsibx li pajjiżna ħa jkun dipendenti biss fuq pensjonijiet privati. Jien inħoss li jrid ikun hemm taħlita tat-tnejn. L-ikbar sfida fl-opinjoni tiegħi hi kif ħa ngħallmu lil min għadu żgħir jaħseb għal meta ħa jirtira biex dan ma jkunx dipendenti biss fuq l-Istat. Ma ninsewx li fil-passat kien hawn skemi oħra barra dik tal-Istat. Barra minn hekk daħħalna diversi miżuri li jgħinu l-pensjonanti u mhux neċessarjament żidiet fil-pensjoni iżda benefiċċji u servizzi oħra. Illum naqqasna l-faqar fejn jidħlu l-pensjonanti b'diversi miżuri u wrejna li kapaċi nsibu skemi komplimentari biex nilħqu dan il-għan.

**Illum aħna pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea wkoll. Meta tqis x'għamilna aħna, dawn il-gżejjer tant ċkejkna fejn il-kumplament tal-Ewropa vs fejn waslu sal-lum, il-kumplament tal-pajjiżi Membri, xi tħoss? Fejn tara li wasalna? Fejn tara li għad fadlilna triq x'nimxu? Fejn tara li ninsabu minn tal-ewwel f'dak li rnexxielna nwettqu? U x'inhu l-awgurju tiegħek għal ġejjieni ta' Malta u Għawdex tas-snin li ġejjin?**

Diġà għidt li għandna għalfejn inkunu kburin bħala pajjiż għal dak kollu li ksibna tul dawn is-70 sena. It-triq mhix ħa tispiċċa hawn, għax is-soċjetà tagħna ser tkompli tiżviluppa u allura se tkompli jkollha ħtieġijiet oħra. Huwa responsabilità u dmir tagħna lkoll bħala ċittadini li nkomplu nsegwu u ntejbu s-sistemi tagħna, skont il-parametri tagħna (dejjem konna ngħidu rridu nfasslu l-libsa tagħna skont id-drapp li għandna).

Jien nawgura li nibqgħu ffokati fuq pajjiżna u x'nistgħu nagħmlu aħjar għas-soċjetà tagħna fil-limiti tagħna. Hekk dejjem sar u l-istorja turi li konna suċċess. M'għandniex għax inħossuna inferjuri imma anzi, ta' eżempju għal ħaddieħor. Dan hu l-awgurju tiegħi u onorat li kelli sehem fis-suċċessi tal-passat.

# Żieda fil-Benefiċċju għal Mard

**Charles Meilak**
Koordinatur fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Il-budget għal din is-sena jaħseb, fost setturi oħra, għal dawk li jkollhom il-ħtieġa li jiġu megħjjunin waqt il-mard. Għal dan il-għan tħabbru żidiet fil-'benefiċċju għal mard miżjud' u tal-'benefiċċju għal mard'.

Fil-każ tal-benefiċċju għal mard miżjud, ir-rata għal persuni miżżewġa żdiedet għal €34.42 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard, filwaqt li dik għal persuni waħedhom ir-rata telgħet għal €25.81 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard.

Meta impjegat jew persuna li taħdem għaliha nnifisha tkun ma tiflaħx minn fuq il-post tax-xogħol, trid tmur għand tabib biex jimtela ċ-ċertifikat mediku l-blu. Dan għandu jkun sottomess lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi żmien għaxart ijiem mill-ewwel ġurnata tal-mard.

L-uniċi eċċezzjonijiet ta' dewmien ta' sottomissjoni aċċettati huma dovuti għall-irkupru fl-isptar jew trattament mediku barra mill-pajjiż. Min-naħa l-oħra, il-kopja taċ-ċertifikat mediku blu għandha tingħata lil min iħaddem. Jekk il-mard ikun iktar minn erbatax-il ġurnata, iċ-ċertifikat għandu jiġi mġedded kull ħmistax-il ġurnata, sakemm il-persuna tkun tajba biex terġa' tmur lura x-xogħol.

Wieħed m'għandux għalfejn japplika għall-benefiċċju għal mard miżjud għax ir-rata tal-benefiċċju tinbidel awtomatikament minn eżattament wara 156 jum ta' benefiċċju kurrenti u kontinwu għal mard. Persuna m'għandhiex bżonn tissottometti dokumenti ulterjuri minħabba li l-Benefiċċju għal Mard Miżjud jingħata skont il-parir tal-Bord Mediku.

## Krediti tal-Benefiċċju għal Mard:

- Persuna Imjegata li tkun waqgħet fuq il-leave tal-Mard bla ħlas, jew li Timpjega Lilha Innifisha u li tirċievi Benefiċċju għal Mard jew ikollha talba kontinwa miftuħa għal Benefiċċju għal Mard wara eżawriment ta' ħlas.
- Il-Krediti jingħataw jekk applikabbli, għal kull ġimgħa sħiħa ta' talbiet aċċettati ta' Benefiċċju għal Mard, Benefiċċju tal-Korriment fuq il-Post tax-Xogħol, jew Benefiċċju tad-Diżimpjieg.

Wieħed jista' jissottometti kopja taċ-ċertifikat mediku blu online, jew jieħdu fl-eqreb ċentru ta' servizz.gov.

Għal aktar informazzjoni fid-dettall : https://socialsecurity.gov.mt

With over

# 20,000 FOLLOWERS

**Servizzi u Benefiċċji Soċjali Facebook Page** has everything you need to know about social benefits and services - right at your fingertips.

**Follow us** and stay connected.

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
AND THE FAMILY

SERVIZZI U
BENEFIĊĊJI
SOĊJALI

*Scan here*




Visit **mysocialsecurity.gov.mt** to conveniently apply online for a wide range of contributory and non-contributory benefits and use several services offered by the Department for Social Security.

**GOVERNMENT OF MALTA**
MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
AND THE FAMILY

*Scan here*

Suzanne Garcia Imbernon (Gili)
Head of Strategy and Implementation
Office of the Commissioner for Children

Summer is a wonderful time for children to play, relax, and spend quality time with family and friends. The holidays offer opportunities for outdoor adventures, social activities, and making happy memories. While children enjoy their break from school, it is important to remember that they have the right to safety, health, and protection, at all times.

One of the most important children's rights is the right to a safe and healthy environment. During the hot summer months, special attention should be given to heat safety. Children should avoid direct sun exposure between 11:00a.m and 4:00p.m, drink plenty of water and spend time in cool indoor spaces when temperatures are high. Applying sunblock regularly is also essential to protect against harmful UV rays and prevent sunburn.

Water activities are among the highlights of summer, but they can also present risks if proper precautions are not taken. Every child has the right to be protected from harm, which is why water safety is so important.

Whether at the beach, swimming pool, or any water-based activity, children should always be supervised by a responsible adult. Constant supervision helps prevent accidents and allows children to enjoy the water safely.

Summer is also a popular time for cycling, scooting, and outdoor play. Parents and caregivers should ensure that children wear helmets when riding bikes, scooters, or skateboards. Teaching children to look both ways before crossing the street and to obey traffic signs helps reduce the risk of injuries and encourages safe habits that can last a lifetime.

In today's digital world, children also have the right to healthy development both online and offline. While screens can provide entertainment and learning opportunities, maintaining a healthy balance is important.

Summer holidays are an ideal time to encourage outdoor play; physical activity, hobbies, and face-to-face interaction with friends and family. Setting reasonable limits on screen time can support children's physical health, social skills, and emotional well-being.

Food safety is another important aspect of protecting children's health. Picnics, beach outings, and outdoor gatherings are common during summer, but warm temperatures can cause food to spoil quickly. Perishable foods should be stored in coolers with ice packs, children should wash their hands before eating, and food left in the sun for long periods should be avoided.

By following simple safety measures and respecting children's rights to health, protection, and well-being, families and communities can help ensure that every child enjoys a safe, healthy, and memorable summer.



# Is-sbuħija tal-anzjanità (It-Tieni Parti)

Doris Zammit
Xandara u Kittieba
qormija@gmail.com

Sliem għalikom. Kif intom? Fil-ħarġa FAMILJA ta' Ġunju, kont tajt bidu għal din is-serje ta' artikli dwar is-sbuħija tal-anzjanità. Tkellimt dwar il-fatt li trid taċċetta li qed tikber, l-esperjenza tal-ħajja, ir-reżiljenza emozzjonali, il-fattur tal-ħin liberu, l-importanza li nibnu relazzjonijiet aktar b'saħħithom, opportunitajiet ġodda li jista' jkollna f'oqsma bħal mhuma l-edukazzjoni u l-ivjaġġar, u x'inhu l-proċess ta' anzjanità grazzjuża.

Illum se naqsam magħkom xi suġġerimenti biex dan il-proċess tax-xjuħija nagħmluh kemm jista' jkun pjaċevoli, kemm għalina, u anke għal dawk ta' madwarna. Għax fil-verità, jekk aħna (issa anzjani) għandna t-tfal, u forsi wkoll, it-tfal tat-tfal, l-attitudni u l-mod kif aħna nħarsu lejn il-ħajja, m'għandux biss impatt fuq kif inħossuna aħna stess, iżda (forsi bla ma nafu jew qatt tajna kas) iħalli mpatt ukoll fuq l-atteġġjament u l-mod kif l-istess dawk għeżież u qrib tagħna, iħarsu lejn il-ħajja, huma wkoll. Araw ftit, f'dan iż-żmien tant prezzjuż, kemm nistgħu nagħmlu affarijiet utili u interessanti fl-istess ħin...

## Eżerċizzju

Il-moviment huwa essenzjali għas-saħħa mentali, fiżika u emozzjonali. Ma hemmx bżonn workouts diffiċli li jħalluk għajjien/a ġimgħa sħiħa. Kull moviment jgħodd, anke 7 minuti kuljum għandu l-benefiċċji tiegħu. Tista' timxi, tirkeb rota, tgħum, tiżfen, tagħmel yoga jew tai chi. L-aktar importanti hija l-konsistenza.

## Kul tajjeb

Evita dieti estremi jew "pilloli maġiċi". Ipprova kul ikel frisk u nutrittiv kemm jista' jkun. Sajjar aktar id-dar u naqqas il-fast food. Isma' x'jgħidlek ġismek u kul meta tkun bil-ġuħ u ieqaf meta tħossok mimli/ja.




### Waqqaf it-tipjip u naqqas l-alkoħol

Jekk tpejjep, li tieqaf huwa l-aktar mod faċli li jista' jagħmel differenza pożittiva kbira f'saħħtek. Fittex l-għajnuna jekk hemm bżonn, biex tieqaf. Jekk int u anke l-għeżież tiegħek tħossu li qed tixorbu ħafna alkoħol, dan huwa l-aħjar żmien biex tindirizza din il-problema qabel mal-fwied jiġi affettwat.

### Tgħallem ħiliet ġodda

Ħalli dejjem moħħok attiv u ħajtek mimlija u attiva billi titgħallem affarijiet ġodda. Dan jgħinek iżżomm ħajtek interessanti u mimlija enerġija.

### Ħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħek

Ix-xjuħija tista' ġġib magħha sfidi fosthom dipressjoni jew ansjetà. Ħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħek billi tipprattika l-meditazzjoni, fittex counsellor u ħu xi terapija. Kollox jista' jgħinek ħafna.

### Ħu ħsieb il-ġilda tiegħek

Uża protezzjoni mix-xemx u evita li toqgħod barra fix-xemx għal tul ta' ħin għalxejn, biex tnaqqas ir-riskju ta' problemi bħal melanoma li taffettwa ħafna anzjani.

### Ippjana għall-irtirar

Sigurtà finanzjarja tagħmel il-proċess tax-xjuħija ħafna aktar faċli. Kun żgur li l-pjan tiegħek tal-irtirar jinkludi l-baġit, it-tfaddil u l-investimenti tiegħek.

### Passatempi

Kemm jekk tagħmilha waħdek jew ma' oħrajn, li tieħu sehem f'passatemp huwa mod divertenti u sodisfaċenti biex tibqa' attiv. Il-passatempi jippermettulek tesprimi lilek innifsek b'mod kreattiv, tespandi moħħok, tmexxi ġismek u anke tagħmel ħbieb ġodda.

### Tgħallem lingwa ġdida

Anzjani li jitgħallmu lingwa oħra jtejbu l-funzjoni konjittiva u jistgħu jdewmu l-bidu tas-sintomi tal-kundizzjoni Alzheimer's. Illum għandna ħafna opportunijiet. F'diversi kunsilli lokali u skejjel, joffru dawn il-korsijiet u oħrajn permezz ta' Life Long Learning offruti lill-anzjani.

### Iddoqq strument mużikali

Kemm jekk tagħżel kitarra, vjolin jew pjanu, oboe jew harmonica, it-tagħlim ta' kwalunkwe strument itejjeb il-memorja u l-koordinazzjoni. U li toħloq melodija huwa kisba tassew sodisfaċenti. Ibda bil-mod b'tutorials online jew klassijiet lokali.

### Ħu ħsieb ġnien

Il-ġardinaġġ jgħinek tieħu vitamina D, tagħmel eżerċizzju ħafif u tibqa' soċjalment attiv meta tingħaqad ma' gruppi lokali.

### Agħti mill-ħin tiegħek bħala voluntier

Li tagħti ħin għal kawża li temmen fiha jtejjeb il-benesseri emozzjonali. Hawn diversi għaqdiet anke fir-raħal jew belt tiegħek li jkollhom bżonn voluntiera. Ingħaqad ma' xi waħda minnhom.

### Ingħaqad ma' klabb

Minn klabbs tal-kotba sa gruppi ta' mixi jew roti, li tingħaqad ma' klabb jibni relazzjonijiet soċjali. Ma ssibx grupp li jogħġbok? Ibda wieħed fil-komunità tiegħek int stess. Kunsilli lokali u Ċentri ta' Matul il-Jum illum joffru diversi korsijiet u laqgħat għall-anzjani matul il-jum. Anke trasport minn u lura għad-dar joffru.

### Għawm

Dan l-eżerċizzju għall-ġisem kollu huwa ġentili fuq il-ġogi, u jagħmilha ideali għall-anzjani b'arthritis jew osteoporosis. Huwa taħlita perfetta ta' divertiment, rilassament u eżerċizzju b'impatt baxx.

### Pilates

Aktar ta' sfida mill-yoga iżda xorta b'impatt baxx, il-Pilates isaħħaħ iċ-ċentru tal-ġisem u jtejjeb il-bilanċ. Dawn il-benefiċċji jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' waqgħat.

Fil-ħarġa li jmiss ta' FAMILJA, se nkun qed inwassal it-tielet u l-aħħar parti ta' din is-serje dwar is-sbuħija tal-anzjanità, kif ukoll, aktar suġġerimenti biex dan il-proċess tax-xjuħija nagħmluh kemm jista' jkun pjaċevoli, interessanti u ta' valur.

# Jiżdied il-limitu tad-Dħul għal aktar Benefiċċji

Charles Meilak
Koordinatur fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Fil budget 2026 tħabbar titjib f'dak li huwa roħs fit-taxxa għal ġenituri bit-tfal, miżura li l-aktar li tkun qed tolqot huma l-familji li jkollhom ċerta kategorija ta' dħul.

Ta' min jgħid li t-tibdil li tħabbar fiċ-children's allowance fil-budget ta' din is-sena huwa immirat l-aktar għal familji bi dħul taħt ċertu livell. Tajjeb li wieħed ikun jaf li r-rata taċ-children's allowance tiddependi mid-dħul tal-familja u sal-lum dawk il-familji li għandhom dħul ta' anqas minn madwar €27,400 bdew jieħdu rata taċ-children's allowance li hija ogħla mir-rata bażika li titħallas lil kulħadd.

Dan il-limitu ta' dħul bil-miżura fil-budget 2026 minn din is-sena madwar €27,400 sa jkun qed jiżdied għal €30,000. Dan hu nett jiġifieri wara t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxa li dik il-familja tkun ħallset.

Mela dawk il-familji li fl-2024 id-dħul nett tagħhom ma kienx jaqbeż it - €30,000 allura dawn ikunu qed jirċievu żieda fiċ-children's allowance.

Iż-żieda hija ta' €250 għal kull wild -  dawn sa jirċevuha l-familji kollha li għandhom tfal taħt is-16-il sena li d-dħul nett tagħhom fl-2024 ma kienx jaqbeż it-€30,000.

Minħabba din l-estensjoni f'dan il-limitu tad-dħul dawk il-familji li d-dħul nett tagħhom fl-2024 ma kienx jaqbeż it-€23,000, jistgħu jieħdu żieda addizzjonali sa massimu ta' €167 għal kull wild li naturalment jiżdiedu mal-€250 għal kull wild.

Barra minn hekk dawk il-familji li d-dħul nett tagħhom 2024 ma kienx jaqbeż it-€23,000 jistgħu jieħdu żieda addizzjonali fir-rata taċ-children's allowance tagħhom sa massimu ta' €167 għal kull wild. Naturalment dan l-ammont addizzjonali jvarja skont id-dħul tal-familji.

Għal aktar informazzjoni: https://socialsecurity.gov.mt

# Intervista mal-Awtriċi Rita Saliba

**Mary Anne Zammit**
Artista u Kittieba

Tiftakru meta konna l-iskola u qrajna l-ewwel rakkont? Kemm konna nidħlu fil-karattri u nimmaġinaw li qegħdin ngħixu magħhom u erħilna noħolmu. Imbagħad ridna naqraw aktar stejjer u noħolmu aktar.

Appuntu, wara dawn l-istejjer hemm persuna li wkoll qed toħlom u tgħix dawn l-avventuri qabel tibda tħarbex fuq karta. Dawn huma l-awturi u llum għażilt li niltaqa' ma' Rita Saliba, isem mhux ġdid fejn tidħol il-letteratura għat-tfal.

Rita Saliba hi awtriċi ta'  għadd ta' kotba għal tfal ta' kull età u rebbieħa tal-Konkors ta' Kitba għaż-Żgħażagħ għal  tliet darbiet. Ma' dan ukoll, Rita għamlet traduzzjoni ta' rumanzi mit-Taljan għall-Malti, għal adoloxxenti u kif ukoll mexxiet workshops ta' kitba kreattiva f'Ħarba, l-ewwel Festival Internazzjonali tal-letteratura għat-tfal fis-sena 2010.

Wara dan, Rita reġgħet ħadet sehem fl-edizzjoni tal-2016 tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura. Hi  wkoll awtriċi ta' rumanz għall-adulti, ġabriet ta' novelli u mikrostejjer. Kienu l-memorji sbieħ tat-tfulija, tal-kampanja u t-toroq bi djar antiki li  spirawha biex tpitter u tikteb stejjer li wkoll tixtieq li kienet fihom.

"L-ewwel  stejjer kienu għat-tfal, imma hemm ukoll poeżiji u proża u meta jkolli ċans inpinġi. Inħobb ukoll nesperimenta u meta nikteb għat-tfal infittex li nagħtihom  gost biex  jaqraw u jħaddmu l-fantażija u l-immaġinazzjoni tagħhom. Huwa importanti li din il-fjamma ta' immaġinazzjoni tibqa tiġi mħeġġa fit-tfal."

Meta tikteb għat-tfal, Rita ma tfittixx li tiddeskrivi ħafna imma tħalli lill-istess tfal jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom, kif ukoll toqgħod attenta għal kliem li tuża. Dan għaliex illum it-tfal huma miftuħa għad-dinja u jgħaddu mill-istess emozzjonijiet, uġigħ u ħbiberija u jifhmu dak li jkun qiegħed jiġri.

L-ewwel kitbiet ta' Rita kienu drammi għat-tfal, Lorella u l-Ġenju li ma kienx jaf jaqra, Il-Masġar il-Griż li immirat għal tfal bejn disa' snin u tnax-il sena. Dan imbagħad kien segwit minn Is-Sultan l-Għaref u Ħaġa moħġaġa; logħob bil-kliem.

"Ir-riċerka għal kitba hija fundamentali, imma tagħtini gost għax dejjem se  nitgħallem xi ħaġa ġdida. Pereżempju, ir-rumanz Żiffa Mqarba f'Ħal Buffura kienet dwar tifel li kien jgħix f'raħal milqut mill-gwerra. B'hekk żort il-post u tkellimt mal-anzjani dwar x'kienu ċ-ċirkustanzi, u l-esperjenzi ta' nuqqas ta' ikel. Stajt ukoll nieħu l-emozzjoni tal-persuni fejn xi kultant taqbeż xi demgħa wara li jkunu tilfu lil xi ħadd. Dawn inkludejthom fil-kitba imma żidt ftit l-element komiku, ħalli t-tfal jieħdu gost."

Rita Saliba li kitbet huma stejjer, l-aktar immirati għal tfal ta' seba' snin. Fosthom hemm, Miranda, tħobb il-kotba u tikolhom u s-sensiela msejħa Gabriela għal tfal ta' bejn ħames u seba' snin. Il-kitba ma tieħux ħafna ħin imma mbagħad il-proċess tal-pubblikazzjoni u l-illustrazzjoni li huma importanti ħafna, dawn jinħtieġu l-ħin tagħhom ukoll.

Proġett ieħor li ħadmet fuqu Rita kien jittratta adattament ta' xogħlijiet klassiċi għat-tfal meħuda mix-xogħlijiet klassiċi bħal San Ġwann ta' Ġużè Galea u Meta Nħaraq it-Teatru ta' Ġużè Bonniċi. Dawn kienu segwiti b'kitba dwar Dun Karm bil-ktieb, It-Tifel li sar poeta fejn inkludiet episodji minn ħajtu. B'hekk it-tfal setgħu jifhmu eżatt il-ħajja tiegħu u x'kien iħoss hu. Permezz t'hekk it-tfal jaraw kif fl-aħħar mill-aħħar dan kien tifel bħalhom u fl-istess ċirkostanzi / sitwazzjonijiet li jistgħu qed jgħixu fihom huma wkoll.

Rita kitbet ukoll għall-adoloxxenti u adulti bħar-rumanz OBE, Out of Body Experience, fejn l-awtriċi esplorat il-paranormal. Ma' dawn, hemm ukoll ġabriet ta' novelli u stejjer qosra li huma  sensiela ta' stejjer meqjusin bħal mikrostorja. Saħansitra, wieħed minn dawn il-kotba, Tbajja' tax-Xemx rebaħ premju letterarju.

Sabiex ikun hemm aktar qari, Rita tixtieq li l-ktieb ikun aktar aċċessibbli fil-ħwienet u fil-libreriji pubbliċi b'aktar kampanji għal qari. Eżempju ieħor hu li jkun hemm book clubs u attivitajiet fil-lokalitajiet.

B'hekk tajna titwila lejn il-ħsibijiet u x-xogħlijiet ta' din l-awtriċi brava Maltija. Lil Rita  Saliba nawgurawlha aktar kitba u suċċess.

Ritratt: L-awtriċi Rita Saliba waqt sessjoni ta' qari għat-tfal



Ġabra speċjali ta' intervisti

Is-Sur Carmel De Gabriele
Regolatur
Għotja ta' Ċittadinanza b'Mertu Eċċezzjonali
Eks Direttur tas-Servizzi Soċjali

(L-Ewwel Parti minn Tlieta)

Tonio Bonello
Editur Media MFS



Is-Sur Carmel De Gabriele

Is-Sur Carmel De Gabriele, attwalment jokkupa l-kariga ta' Regolatur, Għotja ta' Ċittadinanza b'Mertu Eċċezzjonali. Twieled iż-Żejtun nhar it-8 ta' Diċembru tal-1943 iżda maż-żmien kien iżżewweġ, kellhom żewġ t'ulied u kienu marru jgħixu Birkirkara.

Segwa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo, l-MCAST (Business Studies), fejn imbagħad kompla bl-istudji tiegħu ġewwa l-Università ta' Bologna, u fl-iSwiss Insurance Training Centre (Zurich). Imma jibda mill-ewwel billi jistqarr; *"Aħna ġejjin minn familja, Upper Middle Class iżda li qatt ma ħallejna rasna tikbrilna ż-żejjed. Dejjem b'saqajna mal-art u lesti biex inkunu ta' appoġġ u sostenn kull fejn ikun hemm bżonn."* Bdejna din l-intervista billi staqsejtu:

**Kemm ilek taħdem fil-ħidma tas-Sigurtà Soċjali ta' dan il-pajjiż, u x'kienet l-istorja tiegħek, jiġifieri; kif bdejt? F'liema grad/pożizzjoni? U x'kien l-ambjent tax-xogħol dak iż-żmien? Kif komplejt tiela' pass pass sakemm tinsab fil-kariga li int illum?**

Bdejt bil-ħidma tiegħi fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali (għax dak iż-żmien hekk kien jismu) meta kont ġejt trasferit fil-bidu tas-sena 1968 biex proprju nagħti sehmi fil-funzjonijiet li dan id-Dipartiment kien jaqdi dak iż-żmien f'pajjiżna.



Is-Sur Carmel L. De Gabriele (fuq in-naħa tax-xellug tal-Prim Ministru, l-Onor Dr Alfred Sant), fil-jum tal-ħatra uffiċjali tiegħu ta' Segretarju Permanenti flimkien mas-6 uffiċjali l-oħra li wkoll ħadu il-ħatra tagħhom ta' Segretarju Permanenti fl-istess okkażjoni f'Jannar 1997 fil-preżenza tas-Sur Joe Grima li dak iż-żmien kien il-Kap tas-Servizz Pubbliku.

Dak kien il-bidu tal-vjaġġ twil tiegħi ta' 30 sena kontinwi b'konnessjoni diretta jew indiretta ma' kull parti tal-qasam soċjali governattiv f'Malta tul il-karriera tiegħi fis-Servizz Pubbliku, liema karriera kienet oriġinarjament inbdiet fid-Dipartiment tal-Kummerċ f'Ġunju tal-1964. Kont dħalt bħala Clerk Typist (kont ġejt it-2 fl-eżami) għal madwar 3/4 xhur sakemm ġejt appuntat Clerical Officer fl-istess sena (kont ġejt it-3 fl-eżami) u kont ġejt mibgħut naqdi d-dmirijiet tiegħi l-ġodda fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet tal-Ilma bħala Account Keeper.

Madwar sentejn wara bdejt naħdem fid-Dipartiment tas-Saħħa fejn kont ġejt fdat bix-xiri min-naħa tal-Gvern tal-mediċini, strumenti kirurġiċi, eċċ għall-użu fl-isptarijiet u l-bereġ tal-Gvern, u wara, anki ta' dak kollu konness max-xiri tal-ikel għall-użu fl-istess sptarijiet u bereġ.

Kien minn hemm li ġejt trasferit fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Kif diġà għidt qabel, dak iż-żmien kien għad kelli l-grad ta' Clerical Officer għax għalkemm fl-1966 kont

għaddejt mill-eżami ta' Uffiċjal Eżekuttiv (EO), matul is-sentejn ta' wara ġew appuntati biss 6 u jien kont ġejt is-7 u bqajt l-art!

Mal-wasla tiegħi fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, għall-bidu tawni r-responsabbiltà li naħdem fit-Taqsima tas-Short Term Benefits ġewwa l-4 sotto-taqsimiet li kienu jissejħu Staggers (A,B,C u D).

Wara ftit taż-żmien ingħatajt post fiss fi Stagger C. Sadattant kont erġajt tajt u għaddejt mill-eżami għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv (EO) u jidhirli li lejn l-aħħar tas-sena 1970 bidu tas-sena 1971 kont ingħatajt f'idejja t-tmexxija ta' Stagger B.

Ftit xhur wara, lejn l-aħħar tas-sena 1971 bidu tas-sena 1972, kont ġejt infurmat illi kont ġejt nominat biex ningħata l-kariga ta' Uffiċjal Għoli Eżekuttiv (HEO) u li kienet saret talba mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru lill-Ministeru responsabbli mis-Servizzi Soċjali sabiex jien ningħata responsabbiltajiet u dmirijiet relatati ma' din il-kariga fi żmien ġimgħatejn jew tlieta u li jekk dan ma jseħħx fiż-żmien imsemmi, kienu ser jittrasferuni f'Ministeru ieħor li kien lest li jagħtini responsabbiltajiet u dmirijiet f'dan il-grad il-ġdid tiegħi ta' HEO.

Hawnhekk il-Ministeru li taħtu kien jaqa' d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali offrewli li nieħu f'idejja kariga li kien ser iħalli vakanti HEO ieħor fl-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Ministeru u jien aċċettajt. Naturalment, din il-kariga ġdida ma kienetx relatata biss mas-Servizzi Soċjali iżda f'dawk iż-żminijiet kellha firxa ferm iżjed wiesa għax kienet tinkludi wkoll ix-Xogħol u l-Emigrazzjoni, li, dak iż-żmien kienu jifformaw parti wkoll mill-mandat tal-Ministeru konċernat.

Oltre dan, bażikament il-funzjonijiet tiegħi iktar resqu qrib it-twettiq tal-policies diġà mħabbra mill-Gvern ta' dak iż-żmien fil-manifest elettorali tiegħu, inkluż l-avvanz u t-tisħiħ tagħhom flimkien mal-ħolqien ta' policies u servizzi oħra ġodda f'dawn l-oqsma. Dan aktar milli l-operat per se tagħhom finali mid-Dipartimenti rispettivi.

Ftit taż-żmien wara, inħasset il-ħtieġa li, kemm l-Uffiċċju tal-Ministru, kif ukoll fl-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Ministeru (li t-tnejn kienu f'binja waħda fi Triq San Kristofru, fil-Belt) jiċċaqalqu minn fejn kienu biex jersqu iżjed 'l fuq lejn Bieb il-Belt fil-Belt stess jew fil-bidu tal-Furjana qrib Bieb il-Belt. Miegħu kien ingħaqad ukoll id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali li

attwalment l-Uffiċċju prinċipali tiegħu ġewwa l-Belt kien mifrux fuq tlett binjiet differenti, b'ieħor ġewwa Santa Venera, apparti d-diversi Uffiċċji Distrettwali mifruxa ma' Malta u Għawdex.

Ma' dawn però kellna wkoll dawk hekk imsejħa, Adult Training Centres madwar Malta għal persuni b'diżabilità u Ċentru għall-Għomja f'Santa Venera li minħabba fl-esiġenzi tagħhom stess riedu bilfors jibqgħu maqtugħin għalihom.

Dan kollu seħħ kif kien mixtieq u l-Ministeru, kif ukoll id-Dipartiment Prinċipali tas-Servizzi Soċjali kollu kemm hu kienu ngħaqdu f'binja waħda, jiġifieri preċiżament ġewwa Palazzo Ferreria fid-daħla ewlenija tal-Belt.
Din kienet binja li ftit tax-xhur qabel kienet spiċċat proprjetà tal-Gvern. Dan il-palazz kien jiġi eżatt faċċata ta' binja li qabel ma kienet ġiet hekk mġarrfa fit-Tieni Gwerra Dinjija kienet is-sede tal-hekk imsejjaħ, it-Teatru Rjal. Għal ftit taż-żmien, iżda, il-propjetarju privat li kien



Is-Sur Carmel L. De Gabriele, meta kien Chairman tal-Kummissjoni Elettorali, qed jippreżenta r-riżultat finali tal-Elezzjonijiet Ġenerali tal-2004 lill-President ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu l-Avukat Gwido Demarco fil-preżenza tas-Sur Joe Calleja, Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali.

qed joqgħod f'parti żgħira minn Palazzo Ferreria baqa' jżomm dik il-parti sakemm imbagħad kien mar joqgħod f'waħda mill-proprjetajiet l-oħra li kellu.

Kif jaf kulħadd, sal-lum dan il-Palazz baqa' dejjem iservi għall-istess għan. Sadattant, minn naħa tiegħi jien bqajt nifforma parti mis-Segretarjat tal-istess Ministeru, bl-istess funzjonijiet u dmirijiet li kelli qabel.

Tajjeb jingħad hawn però li tul iż-żmien kollu li jien kont servejt bħala parti mis-Segretarjat tal-Ministeru li matulu sadattant kont ilħaqt Uffiċjal Amministrattiv, kelli kontinwament sehem attiv fil-policies kollha konnessi mal-qasam tas-servizzi soċjali, kemm dawk kompletament ġodda, kif ukoll dawk li ġabu magħhom tibdiliet radikali f'dawk eżistenti.

Dawn, b'diskussjoni u kollaborazzjoni sħiħa mal-Kap tad-Dipartiment, kien min kien, li minħabba l-fatt li ma kellux Assistent Kap miegħu, (iktar u iktar meta għal xi żmien kellu jkun l-istess Segretarju tal-Ministeru li jservi bħala Aġent Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, kif ukoll dak il-Kap ġdid tad-Dipartiment li kien maħtur minn barra l-istess Dipartiment), kont inservihom ta' spalla fit-tfassil tat-twettiq ta' dawn il-policies kollha, partikularment dawk ġodda.

Meta ġie żmien fejn id-Dipartiment kien qiegħed taħt pressjoni kontinwa u qawwija, għodwa waħda, il-Ministru ta' dak iż-żmien, hekk kif din daħlet għax-xogħol, bagħtet għalija fl-uffiċċju tagħha u qaltli li ser ikollha terġa' tibgħatni naħdem lura fid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali fil-funzjoni ta' Assistent Kap. Dan għaliex fiċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien, kien iktar importanti li nagħti s-servizzi tiegħi hemmhekk.

Meta qaltli hekk jien ħassejt li kont nonqos immens li nirrifjuta x-xewqa tagħha, u għidtilha li kont lest li nagħmel dan, basta tinforma uffiċjalment b'dan lill-Uffiċjali Amministrattivi kollha tad-Dipartiment għax dak iż-żmien lanqas Kap maħtur direttament ma kien hemm għad u sadattant ridt immexxi kollox waħdi sakemm xi ħadd jinħatar Kap b'mod uffiċjali mill-Prim Ministru.

Dan kien seħħ (insejt kemm wara) u l-persuna maħtura kienet ġiet minn barra d-Dipartiment u jien bqajt nassistih bħala Assistent Kap. Hekk erġajt spiċċajt lura naħdem




Is-Sur Carmel L. De Gabriele jiffirma f'isem il-Gvern Malti l-ewwel Ftehim dwar l-Adozzjonijiet ta' tfal Albaniżi fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari l-Onor Giovanna Debono fl-1996 f'Tirana

direttament u biss mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali (kif kien għadu magħruf dak iż-żmien).

Xi ftit tas-snin wara, meta dan spiċċa minn Kap tad-Dipartiment, jien kont ġejt maħtur Aġent Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u wara, b'effett mis-sena 1982, bħala Kap formalment maħtur tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali (li ftit tas-snin wara inbidel ismu u sar id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali). Bqajt hekk maħtur interrottament sal-aħħar tas-sena 1994 bidu tas-sena 1995 meta mbagħad kont inħtart Direttur Ġenerali fil-Ministeru tal-Familja u l-Ħarsien Soċjali.

Fil-bidu tas-sena 1997 inħtart Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali u Persuni b'Diżabilità. F'Jannar 1998, bi qbil bejn il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien u l-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, kont ġejt maħtur Chairman tal-Kummissjoni Elettorali u Kummissarju Elettorali Ewlieni.

Bqajt inżomm dan it-titlu wkoll ta' Segretarju Permanenti biex jekk għal xi raġuni jien kont nispiċċa minn Chairman tal-Kummissjoni Elettorali, hekk kont stajt immur lura fil-kariga ta' Segretarju Permanenti, jew fil-Ministeru li fih kont l-aħħar (tas-Sigurtà Soċjali, eċċ), jew inkella fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li tiegħu kien jifforma parti l-Uffiċċju Elettorali.

Iżda dan qatt ma seħħ għax effettivament il-karriera tiegħi fis-Servizz Pubbliku ntemmet fl-Uffiċċju Elettorali fejn prattikament għamilt tmien snin wara xulxin bħala Chairman tal-Kummissjoni Elettorali u Kummissarju Elettorali Ewlieni. Dan kien f'Diċembru 2005, f'għeluq it-62 sena tiegħi.

Ġara iżda, illi f'inqas minn 8 snin u nofs wara, f'Ottubru tal-2013, kien ċempilli ċ-Chairman ta' Identità Malta, is-Sur Joe Vella Bonnici, u talabni biex immur inkellmu fl-Uffiċċju tiegħu ġewwa l-Belt u jien mort.

Dan qalli li kienu qed jiffaċċaw xi problemi dwar il-ħruġ fil-massa tal-Karti tal-Identità ġodda elettroniċi minħabba li l-kuntratt tax-xogħol fit-tfassil u l-istampar ta' dawn il-Karti tal-Identità ġodda li kien sar xi snin qabel ma' kumpanija rinomata kien waqa' lura sew u xtaqni li nissorvelja ftit fuqu u nidħol sew fih biex inġibuh lura on track kemm jista' jkun malajr u possibbilment ma jintilfux il-flus li kienu ser joħorġu il-Kummissjoni Ewropea dwaru.

Tani tlett xhur żmien li fihom jien kelli ntih rapport sħiħ u dettaljat tas-sitwazzjoni u x'ried isir biex nirkupraw iż-żmien mitluf. Dan jien għamiltu fil-ħin li kien tani u tajtu r-rapport finali tiegħi f'nofs Diċembru 2013.

Wara li ddiskutejna r-rapport tiegħi, aċċettajt li nieħu x-xogħol ta' sorveljanza sħiħa f'idejja u possibbilment ngħin ukoll fiżikament lil min kien qed imexxi dan il-proġett fit-Taqsima tal-Karti tal-Identità fl-Aġenzija "Identità Malta", u dħalna f'kuntratt bejnietna ta' sentejn li matulhom kelli nibqa' nsegwi sew dan il-proġett ta' kuljum sat-twettiq komplet tiegħu.

Dan jiġifieri kien ifisser li l-Maltin u l-Għawdxin kollha kellhom ikollom f'idejhom il-Karti tal-Identità elettroniċi l-ġodda sal-aħħar ta' Diċembru 2015. Dan għamiltu kollu kemm hu u effettivament lestejt kollox sal-aħħar ta' Settembru 2015. B'hekk għalaqt il-kuntratt tiegħi tlett xhur qabel iż-żmien.

Fil-bidu ta' Jannar 2016, irċevejt telefonata mingħand is-Segretarju Prinċipali Ewlieni tas-Servizz Pubbliku ta' dak iż-żmien fejn kien talabni biex immur inkellmu fl-Uffiċċju tiegħu fil-Berġa ta' Kastilja għaliex il-Prim Ministru riedu jibgħat għalija u biex jistaqsini jekk kontx lest li nieħu f'idejja ċertu xogħol partikolari li ried ikellimni dwaru.

Jiena aċċettajt u mort inkellmu kif kien talabni. Dan tgħarrafli li jien kont wieħed minn lista mnaqqsa ta' tlieta min-nies li tnejn minna konna Segretarji Permanenti rtirati u l-ieħor kien Kap tas-Servizz Pubbliku rtirat ukoll.




Is-Sur Carmel L. De Gabriele flimkien mal-Ministru il-Prof Edwin Grech fi żjara l-Inspire fl-1997

Il-kariga offruta kienet dik ta' Regolatur tal-Programm ta' Investitur Individwali – dak tal-għoti ta' ċittadinanza Maltija permezz ta' investiment – Programm li kien daħal fis-seħħ f'April 2014 li oriġinarjament kienet inħatret fiha persuna li wkoll għal diversi snin kien serva ta' Segretarju Permanenti Ewlieni tas-Servizz Pubbliku u li kien għadu kif irtira minn din il-kariga ta' Regolatur bl-età u allura, dan ma kienx ser ikompli jaħdem mas-Servizz Pubbliku.

Jiena niftakar kont weġibtu li jekk ningħażel, kont lest li naċċetta din il-kariga u bagħtni f'kamra oħra fejn kien hemm jistennieni l-Uffiċjal tal-Aġenzija "Identità Malta" li dak iż-żmien kien qed imexxi l-operat ta' dan il-Programm biex itini idea ta' f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol tal-entità li kien qed imexxi, u allura ta' x'hiex jien kont ser inkun Regolatur jekk l-għażla finali kienet ser taqa' fuqi.

Effettivament, l-għażla tal-Prim Ministru waqgħet fuqi u ngħatajt din il-kariga b'ħatra uffiċjali għal perjodu ta' sentejn mill-ewwel ġimgħa ta' Frar 2016 li baqgħet tiġġedded kull sentejn. Meta fl-aħħar ta' Jannar li għaddha skaditli t-tiġdida attwali ta' din il-ħatra, b'kollox inkun diġà għamilt f'din il-kariga 10 snin ta' ħidma konsekuttiva.

Tkompli fil-ħarġa li jmiss…



## Sudoku

The goal of Sudoku is to fill a 9×9 grid with numbers so that each row, column and 3×3 section

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 9 | 4 | | | | 6 | | |
| | 5 | 3 | 9 | 8 | 6 | | 4 | 1 |
| | 8 | 2 | | 1 | 3 | 9 | 7 | 5 |
| | | | 1 | 6 | | 3 | | 7 |
| 9 | | | | | 2 | | | |
| | 3 | | | | | | 1 | 2 |
| 5 | 6 | | | 4 | 1 | | | |
| | 1 | | | | | 7 | | |
| 3 | | | 2 | 9 | | | 5 | |

## Can you spot 3 Differences?



# Pescara, Abruzzo, l-Italja, u Alla!

## Sajf sħun u qalil

**George Zammit**
Gwida

Ninsabu fl-aktar żmien sħun tas-sena "Awwissu" li jfisser "Sajf sħun u qalil". Ma rridx nieħu wisq mill-ħin tal-vaganza tagħkom, imma lanqas ma rrid inħallikom tmutu bil-għatx mill-Kelma ta' Alla taħt l-umbrella tal-bajja! Allura xorta se noffrilkom din ir-riflessjoni li forsi hi aktar qasira mis-soltu, imma ma jfissirx li hija anqas prezzjuża.

Jien ftit ilu kont ġewwa Pescara, f'Abruzzo ġewwa l-Italja fejn hemm wieħed mill-isbaħ lungomare u bajja bir-ramel fuq il-baħar Adrijatiku. Innutajt kuljum folol kbar waqt ġranet sħaħ taħt l-umbrella, jitpaxxew fil-frisk, bogħod mis-sħana tremenda tas-sajf b'xi ġelat tajjeb, b'xarba friska jew jinżlu jagħmlu ftit ħin fil-baħar.

Malli jibda jidlam, il-pjazez jintlew bin-nies. It-toroq isiru pedonali u r-ristoranti joħorġu l-imwejjed barra u kulħadd jixrob u jiekol ikliet kbar. L-inbid aħmar 'Montepulciano' jew l-abjad 'Trebbiano d'Abruzzo' jwassal lil kulħadd lejn atmosfera romantika bejn il-maħbubin. Id-daqq u l-kant tal-mużika Taljana jkomplu jqajmu dawk l-iljieli ferrieħa u ħajjin fi stil Taljan.

Meta sar il-ħin li nidħol fi knisja sabiex nieħu sehem f'quddiesa, indunajt mill-ewwel bil-bidla fir-rutina li rajt ħdejn il-baħar jew fil-pjazez. Is-saċerdot waqt l-omelija quddiem siġġijiet vojta qal, li l-vaganzi għal xi nies qegħdin iwasslu biex wieħed iħalli jew jabbanduna l-prattika reliġjuża u l-ħin għal Alla jekk isir, jieħu t-tieni post!

Ħuti, anke f'pajjiżna hawn nies li qed isibuha bi tqila biex almenu jieħdu sehem fil-quddies tal-Ħdud, bi skuża minħabba t-temp sħun, jew l-attivitajiet li jsiru matul is-sajf.
Nagħmlu żball jekk inlaħħqu ma' kollox, iżda imbagħad is-sajf ma jkunx dak iż-żmien ideali biex nirriflettu u nqattgħu aktar ħin ta' kwalità f'ambjent nisrani isbaħ, fil-kwiet ma' Alla.


Ritratt: Tourist Guide Planet of Hotels

F'dan is-sajf, int fejn int, fejn se ssib il-ħin li tiltaqa' m'Alla?

Ħuti, fejn tispikka l-umiltà. Dak il-bniedem li jgħix ħajja umli ser ikun l-akbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet. Allura, kun ċert li dan is-sajf ma jkunx biss opportunità biex tirrilassa mis-sħana qalila, imma wkoll okkażjoni bħal xi mixja fin-natura, ħin mal-familja biex hekk issib il-paċi f'Alla.

Kulħadd jaqbel li wieħed jiddeverti fis-sajf fil-kumditajiet tiegħu kollha, però mhux xieraq imbagħad li nabbandunaw lil Ġesù li ġie fid-dinja u esperjenza l-għejja, l-għaraq, it-trab u l-għatx, għalija u għalikom!

Niftakru li Alla għalina sar bniedem bħalna, mingħajr lanqas saqaf fejn twieled u mċaħħad minn kollox biex isalvana. Irridu nitgħallmu li l-ostakli ma jistgħux jingħelbu jew jiġu evitati, imma rridu niffaċċjawhom biċ-ċertezza li Alla qiegħed magħna.

Anke meta 'nabbandunawh' għax ma jogħġobniex kliemu, iżda hu qatt ma jitlaqna. Dejjem hemm, lest li jħalli kollox u jidħol fid-deżert biex ifittixna meta nkunu mitlufin, kif għamel man-nagħġa l-mitlufa. Ġesù jurina, għal darb'oħra, li anke l-iżgħar fostna huwa infinitament prezzjuż. Għalhekk irridu nsibu lil Ġesù anke fid-divertiment, fil-vaganzi, taħt l-umbrella tas-sajf sħun u qalil, għax Alla ma jistax jibqa' 'l bogħod minna.

Ma nħallux is-sajf sħun u qalil iwassalna sabiex nitbiegħdu, ma nagħrfuhx jew għax irridu l-libertà li ngawdu l-ħin kollu, jew saħansitra naslu li niżbaljaw. Ma ninsewx li Hu jersaq aktar qrib tagħna, jidħol magħna, ipoġġi dirgħajh madwarna, jerfagħna, u jfarraġna.

Alla dejjem jimxi magħna, speċjalment f'dawk l-aktar mumenti ta' uġigħ. F'dawk l-aktar jiem mudlama. Meta nħossu l-imrar tal-ħajja. Huwa dejjem preżenti hemm, f'dawk il-mumenti, li l-Mulej ikun l-eqreb tagħna, aktarx meta kulħadd ikun abbandunana!

Nawguralkom sajf sabiħ. Però tinsewx iżżommu qalbkom safja minn dak kollu li jtappan l-imħabba. Niżirgħu dejjem il-paċi madwarna u nilqgħu f'dan is-sajf sħun u qalil, it-triq tal-Vanġelu. It-triq tal-kelma t'Alla.

Il-paċi magħkom.



Ritratt: BeachAtlas

# The Multidisciplinary Team in Mental Health Care

Dr Gertrude A Buttigieg
Officer at the Office of the Commissioner for the Rights of Persons with Mental Disorders

The Mental Health Act, Chapter 525 of the Laws of Malta, makes it clear that individuals receiving mental health care have the right to treatment that addresses their needs in a holistic and person-centred manner.

This is not limited to the management of symptoms alone, but extends to the person's emotional wellbeing, physical health, communication, relationships, daily functioning, and social circumstances.

In practice, this means that care should be planned and delivered through a multidisciplinary approach, in which professionals from different backgrounds work together to develop and implement an appropriate care plan.

The exact composition of the team may differ from one person to another, depending on the nature and complexity of the needs involved. Despite this, many people remain uncertain about the professionals involved in their care, the qualifications they hold, the responsibilities attached to their role, and what they can reasonably be expected to contribute within the treatment process.

The multidisciplinary team in mental health generally includes professionals from two broad streams: the medical stream and the psychosocial stream. The medical stream may include the family doctor or general practitioner, psychiatrist, neurologist, pharmacist, nurse or mental health nurse, and other allied health professionals such as the occupational therapist, physiotherapist and speech and language pathologist.

These professionals contribute to the assessment, diagnosis, treatment, rehabilitation, medication management, functional ability, and physical wellbeing. The psychosocial stream may include the psychologist, psychotherapist, social worker, counsellor, and, where available, practitioners working in supportive therapeutic approaches such as art, music or play therapy.


Photo:  Pavel Danilyuk

Together, these professions contribute to a fuller understanding of the person's needs and help ensure that care is coordinated, comprehensive, and responsive to individual circumstances.

It is essential to emphasise that professional titles in health and mental health care are not informal descriptions; they are protected titles linked to recognised education, supervised training, and professional accountability.
Only individuals who have completed the required course of study and who are registered with the appropriate regulatory authority may lawfully practise under these professional titles in Malta.

Training requirements differ from one profession to another, but in every case, they are designed to ensure that practitioners possess the competence, ethical standards, and professional judgement necessary to provide safe and effective care.

Most professions are regulated by specific statutory bodies. Medical practitioners are regulated by the Medical Council, and Psychiatrists have an additional registration and must be listed in the Specialists Register.

Pharmacists are regulated by the Pharmacy Council, and nurses by the Council for Nurses and Midwives. Allied health professions, including physiotherapists, speech and language pathologists, and occupational therapists, together with other professionals fall under the Council for the Professions Complementary to Medicine (CPCM).

Similarly, psychologists may practise, only if they are recognised and registered with the Malta Psychology Profession Board, while psychotherapists, including those specialising in family therapy, are regulated by the Psychotherapy Profession Board.

Social Workers are regulated by the Social Work Profession Board, and counsellors by the Council for the Counselling Profession. It is also important to note that some supportive or creative therapeutic interventions, such as; art, music, or pet-assisted approaches, may not currently be regulated in the same way in Malta.


Photo: Tima Miroshnichenko

While such approaches can be beneficial when used appropriately, this makes it even more important for service users and families to ask clear questions about the provider's training, experience, scope of practice, and the purpose of the intervention being offered.

For this reason, anyone seeking the services of a health or mental health professional should make every effort to ensure that the person consulted is fully qualified and properly registered to practise in Malta.

When accessing public services, one may generally be reassured that employment requirements include verification of professional qualifications and registration. However, when services are sought privately, additional caution is advisable.

People should not assume that a recommendation from a friend, acquaintance, or social media contact is sufficient proof of competence. The same caution applies to professionals who market their services through paid online advertising or digital platforms.

One must be extra careful when accessing services online from practitioners based outside the Maltese Islands, as verifying qualifications, professional registration, accountability, and legal jurisdiction may be more difficult.

Asking about credentials is not impolite; it is a reasonable and responsible step in safeguarding one's health and wellbeing. A well-functioning multidisciplinary team depends, not only on the availability of different professionals, but also on trust, competence, collaboration, and respect for the rights of the person receiving care.

# Kif ngħinu lit-tfal jaffaċċjaw it-telfa

Amanda Grech
Psikoterapista

Ħafna drabi, meta l-familji jaffaċċjaw mumenti diffiċli, wieħed mill-akbar tħassib tal-ġenituri jkun kif se jitkellmu mat-tfal dwar dak li jkun ġara. It-telfa ta' persuna għażiża hija parti inevitabbli mill-ħajja, u minkejja li hija esperjenza diffiċli, hija realtà li taffettwa wkoll lit-tfal.

It-tfal, bħall-adulti, jgħaddu minn proċess ta' telfa li jista' jkun profond ħafna. Madankollu, jesprimu dan l-uġigħ b'modi differenti. Kif it-tfal jesprimu ruħhom jiddependi mill-età tagħhom, ir-relazzjoni mal-persuna li mietet, u kemm ikunu qed jifhmu s-sitwazzjoni. Xi tfal juru rabja, oħrajn dwejjaq, u oħrajn jistgħu jidhru li mhumiex affettwati.

Niftakru li t-telfa mhux bilfors tkun minħabba l-mewt ta' persuna għażiża għat-tfal. It-telfa ta' pet tista' tkun esperjenza iebsa ħafna wkoll. Ħafna tfal ikunu ffurmaw rabta emozzjonali mal-pet, u għalhekk in-niket tagħhom għandu jiġi rrispettat u mifhum b'serjetà.

Ir-rabja fit-tfal hija komuni u għandha titqies bħala emozzjoni valida. Huwa importanti li niggwidaw lit-tfal sabiex jesprimu r-rabja b'mod san u sigur, mingħajr ma jagħmlu ħsara lilhom infushom jew lil ħaddieħor.

Il-ġenituri ma jistgħux jipproteġu lit-tfal mill-uġigħ tat-telfa, iżda jistgħu joffru appoġġ biex jgħinuhom jesprimu ruħhom. Huwa essenzjali li t-tfal iħossuhom mismugħa u mifhuma. Li nagħtuhom spazju sabiex jitkellmu jew jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom, anke mingħajr kliem, huwa importanti ħafna. Pereżempju, jistgħu juru dak li jħossu permezz tat-tpinġija jew billi jiktbu ittra lill-persuna li mietet.

Meta jkun hemm sitwazzjoni serja fid-dar u hemm il-possibbiltà li xi ħadd ser imut, huwa importanti li t-tfal jiġu infurmati kmieni, b'mod ċar u b'lingwa adattata għall-età tagħhom. Għandu jiġi evitat li tingħata tama li l-persuna se terġa' lura. It-tfal għandhom bżonn verità ċara, anke jekk diffiċli. Fl-istess ħin, għandhom iħossuhom liberi li jistaqsu mistoqsijiet u jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom.

Ritratt: Gustavo Fring



Rigward jekk tfal żgħar għandhomx jattendu funeral jew le, m'hemmx risposta waħda għal kulħadd. Normalment ikun tajjeb li t-tfal jingħataw l-opportunità li jattendu mingħajr ma ssir pressjoni fuqhom. Dan jgħinhom jifhmu l-finalità tal-mewt u anke jħossuhom inklużi fil-kriżi li l-familja tkun għaddejja minnha. Huwa importanti wkoll li t-tfal jingħataw appoġġ waqt li jkunu qed jagħtu l-aħħar tislima.

Tajjeb li nispjegaw minn qabel x'se jiġri u nagħtuhom l-għażla jekk iridux jattendu jew le, mingħajr pressjoni. Jekk it-tfal jiddeċiedu li ma jattendux, jistgħu jingħataw l-għażla li jagħmlu ritwal tagħhom huma għall-aħħar tislima, bħal ipinġu xi stampa, jagħmlu żjara fil-post fejn ikun hemm mafkar tal-persuna, jew inkella jiktbu ittra.

Rutina stabbli tista' tgħin ħafna biex it-tfal iħossuhom aktar siguri fi żmien ta' inċertezza. Anke jekk il-ħajja tinbidel, iż-żamma ta' rutini u attivitajiet ekstrakurrikulari tista' toffri sens ta' stabbilità. Li jkunu jistgħu jipprevedu l-ġurnata tagħhom jgħinhom jiksbu sens ta' kontroll fuq il-ħajja tagħhom.

It-tfal iż-żgħar spiss jaqilbu bejn mumenti ta' dwejjaq u logħob. Dan mhux sinjal li mhumiex affettwati, iżda li qed jippruvaw jirregolaw l-emozzjonijiet tagħhom. Tfal akbar u adoloxxenti jistgħu juru rabja, apatija, jew jitbiegħdu emozzjonalment minn oħrajn.

Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li t-tfal jistgħu juru sintomi fiżiċi jew bidliet fl-imġiba, bħat-tibdil fl-irqad jew fl-aptit, diffikultà fil-konċentrazzjoni, jew regressjoni fl-imġiba.  Jekk dawn l-imġiba jkomplu għal żmien twil, jew jekk ninnotaw sinjali ta' dipressjoni, aggressività jew tnaqqis sinifikanti fil-funzjonament ta' kuljum, huwa importanti li wieħed ifittex għajnuna professjonali. Appoġġ minn psikologu jew professjonist ieħor tas-saħħa mentali jista' jkun ta' benefiċċju kbir kemm għat-tfal kif ukoll għall-familja.

Fl-aħħar nett, l-aktar ħaġa importanti hija li t-tfal ma jħossuhomx weħedhom f'dan il-vjaġġ diffiċli u jħossuhom li l-emozzjonijiet tagħhom huma validi u importanti.

Hemm diversi modi kif l-adulti fil-ħajja tat-tfal jistgħu jgħinu lit-tfal:

- Jirrikonoxxu t-telfa u l-emozzjonijiet tat-tfal

- Jinkoraġġixxu l-espressjoni permezz ta' tpinġija, jew kliem, kitba jew logħob

- Jaqsmu l-emozzjonijiet tagħhom stess b'mod addattat

- Jgħinu lit-tfal jifhmu li n-niket huwa proċess naturali



Ritratt: Skyler Ewing

# Qatra waħda ta' umanità. Agħti d-demm, salva l-Ħajjiet

Caroline Cassar
Senior Staff Nurse / PR and Marketing Officer
National Blood Transfusion Centre

Kull sena, fl-14 ta' Ġunju, id-dinja tingħaqad biex tiċċelebra l-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm, u biex tagħti ġieħ lill-miljuni ta' donaturi volontarji u mhux imħallsa li bil-ġenerożità tagħhom isalvaw il-ħajjiet kuljum.

Il-kontribut tagħhom huwa essenzjali għas-sistemi tal-kura tas-saħħa madwar id-dinja, billi jappoġġjaw pazjenti waqt emerġenzi, twelid, operazzjonijiet, kura tal-kanċer, u l-immaniġġjar ta' ħafna kundizzjonijiet mediċi serji.

It-tema għal Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2026, "Qatra Waħda ta' Umanità. Agħti d-Demm. Salva l-Ħajjiet.", tqiegħed l-umanità fil-qalba ta' kull donazzjoni. Tfakkarna li l-għoti tad-demm huwa ferm aktar minn att mediku. Huwa espressjoni qawwija ta' solidarjetà, kompassjoni, u responsabbiltà komuni. Ispirata mill-idea li l-umanità kollha tista' tkun riflessa f'qatra waħda demm, il-kampanja tenfasizza kif kull donatur isir parti minn linja ta' ħajja li tgħaqqad u tipproteġi lill-komunitajiet.

F'Malta, dan l-ispirtu ta' ġenerożità jidher fid-dedikazzjoni tad-donaturi tagħna. Għal darb'oħra, din is-sena ngħata rikonoxximent speċjali lid-donaturi waqt iċ-ċerimonja; "Ħajr lid-Donaturi tad-Demm" taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta, Myriam Spiteri Debono.

Biex jitfakkar dan l-avveniment, ingħatat plakka tal-fidda lil għaxar irġiel li kull wieħed minnhom ta d-demm mill-inqas mitt darba, u lil għaxar nisa li kull waħda minnhom tat id-demm mill-inqas ħamsin darba. Flimkien, huma taw aktar minn 1,500 donazzjoni, li potenzjalment għenu aktar minn 4,500 pazjent.

Wara kull donazzjoni hemm storja ta' tama, fejqan, u ħajjiet milquta mill-qalb tajba ta' oħrajn. Il-Palazz ta' San Anton u tal-Verdala kienu mixgħula bil-kulur aħmar biex l-Eċċellenza




Ritratt: NBTC (Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, Għawdex)

tirrikonoxxi u tirringrazzja lid-donaturi Maltin u Għawdxin tal-ġest uman tagħhom lejn il-poplu Malti u Għawdxi.

Is-Sibt 13 ta' Ġunju, f'Għawdex kienet iċċelebrata Quddiesa solenni fil-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu, miftuħa għal kulħadd. Għaliha attendew bosta donaturi flimkien mal-familji tagħhom minn Għawdex u Malta, f'mument sabiħ ta' għaqda, gratitudni u tifkira tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm.

Filwaqt li l-avvanzi fix-xjenza, fit-testijiet, u fis-sistemi tas-sigurtà tad-demm għamlu t-trasfużjoni aktar sigura minn qatt qabel, realtà fundamentali waħda tibqa' ma nbidlitx: id-demm ma jistax jiġi manifatturat. Ma jistax jinxtara jew jiġi prodott b'mod artifiċjali. Jista' jiġi biss minn persuni li jkunu lesti jagħtu d-demm b'mod volontarju u regolari. Għalhekk, kull donazzjoni mhijiex biss rigal mediku, iżda wkoll rigal profondament uman.

Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm hu wkoll okkażjoni biex nirrikonoxxu lil ħafna persuni li jagħmlu d-donazzjoni tad-demm possibbli. Nirringrazzjaw lill-familji li jappoġġjaw lid-

donaturi, partikolarment lil dawk li jwieġbu għal sejħiet urġenti fi żmien qasir, kif ukoll lit-timijiet dedikati fi ħdan is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm u l-banek tad-demm tal-isptarijiet li jaħdmu bla heda minn wara l-kwinti biex jiżguraw li kull donazzjoni tasal għand il-pazjenti b'mod sigur u effiċjenti.

## L-Għanijiet tal-Kampanja 2026

Il-kampanja ta' din is-sena dwar l-għoti tad-demm għandha dawn l-għanijiet kif ġejjin:

- Tħeġġeġ tkabbir sostenut fid-donazzjoni regolari, volontarja u mhux imħallsa tad-demm madwar id-dinja.
- Tqajjem kuxjenza dwar l-impatt li tkun salvata ħajja permezz ta' kull donazzjoni tad-demm u tal-plażma.
- Tirrikonoxxi u tiċċelebra lid-donaturi tad-demm filwaqt li tippromwovi l-valuri ta' solidarjetà, kompassjoni, u l-umanità.
- Tħeġġeġ lill-gvernijiet u l-imsieħba biex isaħħu u jinvestu fi programmi nazzjonali tad-demm bil-għan li jinkiseb aċċess universali għad-demm u prodotti tad-demm siguri.

Hekk kif infakkru l-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2026, niċċelebraw lil dawk kollha li bil-ġenerożità tagħhom jagħtu lil oħrajn it-tieni ċans għall-ħajja.

Fl-istess waqt, inħeġġu donaturi ġodda biex jingħaqdu ma' dan il-moviment li jsalva l-ħajjiet





Ritratti: NBTC (Il-Palazz ta' San Anton u l-Palazz Verdala)

u li jgħin biex ikun żgurat li demm sigur jibqa' disponibbli għal kulħadd, kullimkien, kull meta jkun meħtieġ.

Kull donazzjoni tgħodd. Kull donatur jgħodd. U kull qatra demm iġġorr magħha messaġġ qawwi ta' umanità, tama komuni, u ħajjiet salvati.

Jinteressak tkun taf aktar?

Jekk tixtieq iktar tagħrif dwar l-għoti tad-demm, tista' tikkuntatjana kif ġej –

Sit elettroniku - https://blood.gov.mt/
Indirizz elettroniku - customercare.nbts@gov.mt
Paġna Facebook - www.facebook.com/bloodmalta
Instagram - https://www.instagram.com/blooddonationmalta_official/?hl=en
Indirizz - Ċentru tal-Għoti tad-Demm, G'Manġa
Linja fissa - 21234767/22066201
Linja ċellulari - 79307307
Linja Bla Ħlas - 80074313
Linja tal-Berġa tax-Xewkija, Għawdex - 2155 6461



Litteriżmu finanzjarju, f'kull ħin, kullimkien!

TIM ĠEMMA

Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja bi pjaċir iħabbar it-tnedija ta' sensiela ġdida ta' produzzjonijiet fil-format ta' Podati (podcasts) minn ĠEMMA. Dawn huma intervisti maħsuba biex iwasslu l-litteriżmu finanzjarju direttament lilek - int min int, int fejn int, u fi kwalunke ħin tal-ġurnata.

Dawn is-sessjonijiet ta' podati jesploraw varjetà wiesgħa ta' temi finanzjarji, u jagħmluhom rilevanti u interessanti għal nies ta' kull età u minn kull qasam tal-ħajja. Bl-għan li d-diskussjonijiet jinżammu mexxejja, b'lingwaġġ simplifikat u li jista' faċilment jinftiehem minn kulħadd, kull episodju qed ikollu kelliema mistiedna li jippreżentaw perspettivi, esperjenzi u ideat differenti.

Mill-prattika tal-użu ta' kuljum tal-flus sat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji aktar intelliġenti u importanti, id-diskussjonijiet għandhom l-għan li jinfurmaw, jiffurmaw, jispiraw u jgħinu lis-semmiegħa jibnu ħiliet u kunfidenza fl-immaniġġjar tad-dħul finanzjarju tagħhom b'modi faċli, prattiċi u li faċilment jistgħu jkunu applikati minn kulħadd.



# Ippjana flusek aħjar

# Kun Af

**Sessjonijiet għat-tfal, adulti, 60+, SMEs u impjegati.**

**Riżorsi għal kulħadd, podcasts u webinars.**

**Bla ħlas**



**Ġemma**

know • plan • act

**www.gemma.gov.mt**

**gemma.know.plan.act**

Din hi opportunità unika kif issa tista' tisma', fil-ħin tal-preferenza tiegħek, u tiskopri għarfien ġdid dwar id-dinja monetarja u kull ma jdur madwarha - kemm jekk qed timxi, issajjar, tnaddaf, tivvjaġġa lejn ix-xogħol, jew imwaħħal fit-traffiku! Il-podati ta' ĠEMMA jistgħu jkunu faċilment inseriti fir-rutina tiegħek ta' kuljum.

L-episodji issa bdew ikunu disponibbli fuq il-paġna Facebook, fl-applikazzjoni Spotify, kif ukoll fuq YouTube rispettivament. Kull ġimgħatejn jittella' episodju ġdid li jista' jagħtik ispirazzjoni u gwida finanzjarja fil-kuntest ta' dak kollu li tagħmel int fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

Tista' tirreġistra għal pubblikazzjoni ta' ĠEMMA permezz tas-sit https://gemma.gov.mt/ jew fl-indirizz postali; ĠEMMA - Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021 Malta.

Waqt li tkun reġistrat, xorta jkollok l-għażla li tista' tibdel il-mod kif tirċievi l-korrispondenzi? Tista' wkoll taġġorna l-preferenzi tiegħek jew tneħħi l-abbonament tiegħek, kif tixtieq. Hawn taħt għandek il-links għal dawn il-podati. Nittamaw li ssib dawn ta' interess, imma fuq kollox ta' għajnuna lejn ħajja aktar trankwilla u anqas stressanti b'immaniġjar aktar għaqli tal-flus.

https://www.youtube.com/playlist?list=PLUfdt1Jdynvvm0J81wKJl5LhBNapla7uA

https://www.facebook.com/gemma.know.plan.act/reels/

Ġemma
know • plan • act



# Dizzjunarju.mt

## Qed jinbena d-Dizzjunarju Nazzjonali tal-Malti

Fid-19 ta' Ġunju 2026, id-Dipartiment tal-Malti nieda proġett ambizzjuż għall-ilsien Malti: Dizzjunarju.mt, id-dizzjunarju nazzjonali tal-Malti fuq l-internet. Il-Malti se jkollu dizzjunarju diġitali, miftuħ u bla ħlas, maħsub għal min jikteb, jaqra, jittraduċi, jgħallem jew jitgħallem il-Malti, jew sempliċiment għal min taqbdu l-kurżità kelma xi tfisser, kif tispelliha, kif tlissinha, jew kif tista' tgħidha bl-Ingliż.

Dizzjunarju.mt

L-Università ta' Malta | Il-Fakultà tal-Arti | Id-Dipartiment tal-Malti

Bis-saħħa ta' esperti mill-oqsma tal-lessikografija, il-lingwistika, il-lingwistika tal-korpus, u t-teknoloġija tal-informatika, qed jinbena dizzjunarju li jagħti d-definizzjoni bil-Malti, l-ekwivalenti bl-Ingliż, tagħrif grammatikali u gwida għat-tlissin, eżempji bbażati fuq l-użu naturali tal-lingwa, l-idjomi u l-frażijiet, u n-nisel tal-kliem.



Il-proġett tfassal għal firxa wiesgħa ta' nies: minn kelliema nattivi sa studenti tal-Malti bħala lsien barrani, minn għalliema sa tradutturi, minn ġurnalisti u xandara sa riċerkaturi. Għalhekk, Dizzjunarju.mt huwa ġabra ħajja li tikber id f'id mal-lingwa, spazju miftuħ għal kulħadd, fejn il-kliem tal-bieraħ jiltaqa' mal-kliem tal-lum waqt li jwitti t-triq għall-Malti t'għada.

Waqt is-serata, li ttellgħet bis-sehem artistiku tal-mużiċist Daniel Cauchi, l-attur Bradley Cachia, u l-kittieb Michael Spagnol, saru wkoll għadd ta' diskorsi. L-atmosfera fil-post offriet esperjenza unika bl-użu kreattiv tal-kliem.

L-edituri ġenerali, il-Prof. Michael Spagnol u s-Sur Dwayne Ellul, taw stampa tal-istorja tad-dizzjunarji Maltin u spjegaw kif jaħdem is-sit, li hu ddisinjat mill-artist Julian Mallia (Julinu). Dan il-proġett qed isir mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta bl-għajnuna ta' Sketch Engine, Lexical Computing, Dictionary Express, RIDT, Times of Malta, u MaltaDaily.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA
SOĊJALI U L-FAMILJA

# IL-VAGANZI T-TAJBA LIT-TFAL KOLLHA!



**Ħudu gost imma dejjem oqgħodu attenti speċjalment meta tkunu barra u fil-baħar**

IMU TEAM

1. What should I do if I can't log in with my e-ID account?

Ensure that you enter the correct Identity Card Number and password. You will then be asked to input a digit code for two-factor authentication, which will be sent to either your mobile device or the email address you provided. If you still can't log in, contact the Maltese government agency Identità at infoeid@gov.mt or call (+356) 25904300.

2. How do I update incorrect personal information on my e-ID account?

If your name, surname or address is incorrect, contact the Maltese government agency Identità at infoeid@gov.mt or call (+356) 25904300 to request information on how to update your details. Generally these details are provided from your actual physical Identity Card.

3. Can I update my contact details of my e-ID account?

You can update your mobile contact number and email address by clicking here. This update will be processed in real-time.

4. If upon authenticating with my e-ID I get an error. How can I resolve the issue?

Every now and then, the e-ID portal just needs its cache cleared. If that happens, simply follow the steps below to log successfully with your e-ID to use our online services.

- Go to https://eid.gov.mt with your e-ID credentials including the 2-Factor authentication.
- Click on "My Account" button.
- Click on "View Account Activity" button.

- At this stage check if you are able to authenticate successully to online services. If you are able to log in successfuly, you do not need to continue further with the below steps.
- If not, sign out and log in again into https://eid.gov.mt using again your e-ID credentials.
- Click on "My Account" button.
- This time click on "View Data Access" button.
- For "Social Security Service Provider at MITA", click on the "Withdraw Access" button.
- Once this is done, please try the online links again.

If you still get the error upon authenticating, please report the issue by clicking here to indicate which online service you are having issue and you will be guided accordingly.



Photo: Szabó Viktor

## 5. What should I do if I haven't received my social security benefit payment?

Check your banking details held by the department of social security online, to ensure they are correct. If everything is correctly set and you still haven't received your payment, you can submit a report online, contact the social security customer care service via Freephone 153 (ext. 11) or visit a Servizz.gov hub for in-person assistance.

## 6. How can I resolve issues related to submitting documents online?

Make sure your documents are in the correct format and size as specified on the mySocialSecurity app. If you continue to encounter an issue, you can contact us through our Contact Us page. Select 'Documents – Submit' from the 'mySocialSecurity' cluster in the drop-down list, visit a Servizz.gov hub for in-person assistance or call us on Freephone 153 (ext. 11).

## 7. What steps should I take if my application for a benefit is rejected?

First of all you need to review the rejection letter to understand the reason. However, if you still believe that the reason is not justified, you can appeal this by following the instructions provided in the letter and lodge an appeal online, visit a Servizz.gov hub for in-person assistance or contact the Social Security Customer Care service via Servizz.gov Freephone 153 (Ext. 11).

## 8. How do I report a technical issue with the website?

If you encounter a technical problem related to the social security website, please provide the details of the issue by clicking here.

9. What should I do if I encounter an error message while using the website?

Take note of the error message being displayed and make contact with us by clicking here and provide the details of the error.

10. How can I get help if I am unable to resolve an issue on my own?

You may click here and provide the details of your concern or query. Alternatively, you can visit a Servizz.gov hub for in-person assistance. You can also call Servizz.gov Freephone 153 (ext. 11). For international callers, dial +356 21255153, however this is not a freephone number.

11. If I encounter an issue with the mySocialSecurity app, is it possible to contact the department online?

Yes this is possible. If while trying to access an online service you encounter an issue or need assistance to access this service, support is available through our helpdesk:

- Click here and provide the details of your issue, or
- Book a Microsoft Teams call with a member from the Information Management Unit.

TIM IMU

1. X'għandi nagħmel jekk ma nistax nilloggja bl-e-ID tiegħi?

Kun żgur li qed iddaħħal in-Numru tal-Karta tal-Identità u l-password korretti. Wara tintalab iddaħħal kodiċi ta' żewġ fatturi ta' awtentikazzjoni, li jintbagħat jew fuq il mobile tiegħek jew fuq l-indirizz tal-email li pprovdejt. Jekk xorta ma tistax tilloggja, ikkuntattja l-aġenzija tal-Gvern Malti Identità fuq infoeid@gov.mt jew ċempel (+356) 25904300.

2. Kif nista' naġġorna informazzjoni personali mhux korretta fuq il-kont e-ID tiegħi?

Jekk ismek, kunjomok jew l-indirizz tiegħek huwa żbaljat, ikkuntattja l-aġenzija tal-Gvern Malti Identità fuq infoeid@gov.mt jew ċempel (+356) 25904300 biex titlob informazzjoni dwar kif taġġorna d-dettalji tiegħek. Ġeneralment dawn id-dettalji jiġu pprovduti mill-Karta tal-Identità fiżika tiegħek.

3. Nista' naġġorna d-dettalji tal-kuntatt tiegħi tal-kont e-ID tiegħi?

Tista' taġġorna n-numru tal-kuntatt tal-mobile tiegħek u l-indirizz tal-email billi tikklikkja hawn. Dan l-aġġornament jiġi pproċessat f'ħin reali.

4. Jekk meta nillogja bl-e-ID tiegħi, nirċievi żball, kif nista' nsolvi l-problema?

Ikun hemm drabi fejn il-portal tal-e-ID jeħtieġ li jitnaddaf il-cache tiegħu. Jekk jiġri hekk, sempliċement segwi l-passi t'hawn taħt biex tidħol b'suċċess bl-e-ID tiegħek u tuża s-servizzi online tagħna.

- Mur fuq https://eid.gov.mt u lloggja bil-kredenzjali tal-e-ID tiegħek, inkluża l-awtentikazzjoni ta' zewġ fatturi (2FA).
- Ikklikkja fuq il-buttuna "Il-Kont Tiegħi".
- Ikklikkja fuq il-buttuna "Ara l-Attività tal-Kont".

- F'din il-fażi ċċekkja jekk tistax tikkonnettja b'suċċess mas-servizzi online. Jekk jirnexxilek tidħol b'suċċess, m'hemmx għalfejn tkompli bil-passi t'hawn taħt.
- Jekk le, illogja 'l barra u erġa' idħol fuq https://eid.gov.mt billi tuża mill-ġdid il-kredenzjali tal-e-ID tiegħek.
- Ikklikkja fuq il-buttuna "Il-Kont Tiegħi".
- Din id-darba kklikkja fuq il-buttuna "Ara l-Aċċess għad-Data".
- Għal "Social Security Service Provider at MITA", ikklikkja fuq il-buttuna "Irtira l-Aċċess".
- Ladarba dan isir, ipprova mill-ġdid il-links tas-servizzi online.

Jekk xorta tibqa' tirċievi żball meta tipprova tawtentika, jekk jogħġbok irrapporta l-problema billi tikklikkja hawn biex tindika liema servizz online qed jagħtik problemi, u tingħata gwida kif xieraq.

5. **X'għandi nagħmel jekk ma rċevejtx il-pagament tal-benefiċċju tas-Sigurtà Soċjali tiegħi?**

Iċċekkja d-dettalji bankarji tiegħek miżmuma mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali online, biex tiżgura li huma korretti. Jekk kollox huwa mdaħħal korrett u xorta ma rċevejtx il-pagament tiegħek, tista' tissottometti rapport online, tikkuntattja l-Customer Care tas-Sigurtà Soċjali permezz ta' Servizz.gov Freephone 153 (Ext. 11) jew billi żżur ċentru ta' Servizz.gov għal assistenza personali.

6. **Kif nista' nsolvi problemi relatati mas-sottomessjoni ta' dokumenti online?**

Kun żgur li d-dokumenti tiegħek huma fil-format u d-daqs korretti kif speċifikat fuq l-app mySocialSecurity. Jekk tkompli tiltaqa' ma' problema, tista' tikkuntattjana permezz tal-paġna ta' kuntatt tagħna "Ikkuntattjana". Agħżel 'Dokumenti - Issottometti' mill-grupp 'mySocialSecurity' fil-lista li tinżel, żur ċentru ta' Servizz.gov għal assistenza personali jew ċempel Servizz.gov Freephone 153 (Ext. 11).




7. **X'passi għandi nieħu jekk l-applikazzjoni tiegħi għal xi benefiċċju tiġi miċħuda?**
   L-ewwel li trid tagħmel hu li tirrevedi l-ittra ta' rifjut biex tifhem ir-raġuni. Intant jekk xorta temmen li d-deċiżjoni mhix ġusta, tista' tappella dan billi ssegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti fl-ittra u tissottometti appell online, żur ċentru ta' Servizz.gov għal assistenza personali jew tikkuntattja s-servizz tal-Customer Care tas-Sigurtà Soċjali permezz ta' Servizz.gov Freephone 153 (Ext. 11).

8. **Kif nista' nirrapporta problema teknika tal-website?**

Jekk tiltaqa' ma' problema teknika relatata mal-website tas-sigurtà soċjali, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-problema billi tikklikkja hawn.

9. **X'għandi nagħmel jekk jitlagħli messaġġ ta' żball waqt li qed nuża l-website?**

Ħu nota tal-messaġġ ta' żball li qed jintwera u kkuntatjana billi tikklikkja hawn u tipprovdi d-dettalji tal-iżball.

10. Kif nista' ningħata għajnuna jekk ma nistax insolvi problema waħdi?

Tista' tikklikkja hawn u tipprovdi d-dettalji tal-problema jew tal-mistoqsija tiegħek. Inkella, tista' żżur ċentru ta' Servizz.gov għal assistenza personali. Tista' wkoll iċċempel Servizz.gov Freephone 153 (Ext. 11). Għal dawk li jċemplu minn barra, ċempel +356 21255153, imma kun infurmat li dan huwa numru bi ħlas.

11. Jekk niltaqa' ma' problema bl-app mySocialSecurity, huwa possibbli li nikkuntattja lid-dipartiment online?

Iva, dan huwa possibbli. Jekk waqt li tkun qed tipprova taċċessa s-servizz online tiltaqa' ma' xi problema jew teħtieġ assistenza biex taċċessa dan is-servizz, sapport huwa disponibbli permezz tal-helpdesk tagħna:

- Ikklikkja hawn u pprovdi d-dettalji tal-problema tiegħek, jew
- Ibbukkja sejħa bil-Microsoft Teams ma' membru mit-tim tal-Unità għall-Immaniġjar tal-Informazzjoni.

# Washed the dishes and now your hands are painful?

Jantess Portelli
Senior Biomedical Scientist (promoting skin health awareness)

Is it skin sensitivity or an allergic reaction?

**Sensitive skin** reacts easily to everyday products such as liquid detergent. These detergents are designed to break down grease, but they can also strip away the skin's natural protective layer. As a result, the skin becomes more vulnerable to irritation.

Sensitive skin presents as:

- Burning sensation
- Redness
- Dry and tight skin
- Cracking of the skin

Switching to milder detergents and protecting the hands can help reduce these symptoms.

**Allergic skin reactions** occur when the immune system reacts to a specific substance (allergen), such as latex.

Allergic skin reactions typically present with:

- Itching
- Redness
- Swelling



For example, latex gloves used to protect sensitive skin may themselves trigger an allergic reaction in some individuals. In such cases, switching to latex-free gloves is recommended.



Why do some people have skin sensitivity and develop allergic reactions and others don't?

Sensitivity and allergic reactions can run in families, as there is a genetic (nature) component to both. Individuals with a weaker skin barrier are more prone to irritation from harsher detergents, leading to sensitive skin. In contrast, individuals with a more reactive immune system are more likely to develop allergic reactions. Repeated exposure (nurture) to detergent or latex can lead to more severe reactions over time and spread to other areas of the skin.






When to speak to a healthcare professional

If you are unsure whether your symptoms are due to sensitive skin or an allergic skin reaction, consulting a medical doctor can help identify the underlying cause and guide you towards the most appropriate treatment for your individual needs.

Tony Micallef
Senior Health Liaison Nurse
Ministeru tas-Saħħa
Koordinatur ta' dan l-artiklu



Tonio Bonello
Editur MSF

### Iċċelebrat is-70 Sena ta’ Sigurtà Soċjali

Din is-sena Malta qed tiċċelebra 70 Sena ta' Sigurtà Soċjali. Kien bħal-lum fl-1956 meta għaddiet il-Liġi tal-Assigurazzjoni Nazzjonali li nediet it-triq għas-sistema kontributorja tal-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali.

F'Konferenza Nazzjonali bit-tema; “Kburin bil-Passat; Inħarsu l-Preżent; Nassiguraw il-Futur”, esperti, akkademiċi, Diretturi Ġenerali preżenti u tal-passat flimkien ma’ esponenti oħra ewlenin iddiskutew il-kisbiet u l-isfidi tas-sistema tas-sigurtà soċjali f'pajjiżna.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja Michael Falzon tkellem dwar l-avvanz soċjali li għamlet Malta matul dawn is-70 sena u l-investiment soċjali massiċċ li sar fl-aħħar snin. Huwa qal li dan l-investiment irdoppja fl-aħħar 10 snin u minn dan gawdew eluf kbar ta' pensjonanti u anzjani, familji bit-tfal, ħaddiema, persuni b'diżabilità u persuni vulnerabbli oħra.

Is-Segretarju Permanenti Mark Musù spjega kif dan l-anniversarju jfisser li għal sebgħin sena, pajjiżna għażel li jibni fuq il-valuri tas-solidarjetà, tal-ġustizzja soċjali u fuq il-prinċipju li l-prosperità trid tilħaq lil kulħadd. Saħaq li l-futur tas-sigurtà soċjali f'Malta mhux se jinbena waħdu iżda jeħtieġ impenn kollettiv minn kulħadd - tal-Gvern, tas-settur privat, tal-ħaddiema, tal-imsieħba soċjali, tas-soċjetà ċivili, u tal-komunitajiet kollha tagħna.

Waqt il-konferenza saret diskussjoni minn żewġ panels dwar temi varji bħal x'kienu l-innovazzjonijiet u l-kisbiet tal-aħħar snin, it-trasformazzjoni diġitali u l-Intelliġenza Artifiċjali, l-aċċessibiltà tal-benefiċċji għal dawk li jeħtieġuhom, il-flessibiltà meħtieġa quddiem mudelli ġodda ta' xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, u x'jeħtieġ isir sabiex waqt li s-sistema tas-sigurtà soċjali tkun adegwata, fl-istess ħin tibqa' sostenibbli fil-futur.

Fl-ewwel panel ħadu sehem Dr Marisa Scerri, Professjonista fil-Politika Soċjali u l-ewwel Direttur Ġenerali tal-Politika Soċjali, Dr Aaron G Grech Chief Economist fil-Bank Ċentrali ta' Malta, Carmel De Gabriele Eks-Direttur Ġenerali tas-Servizzi Soċjali, Renee Laiviera Kummissarju għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, Prof Simon Mercieca, Associate Professor fid-Dipartiment tal-Istorja fl-Università ta' Malta, u Grazio Barbara, Eks-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u fil-preżent Direttur Ġenerali tal-Pensjonijiet tas-Servizz.



Ritratt: DOI - Alan Saliba

Fit-tieni panel ħadu sehem George Cremona, Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, Alexia Vella Direttur Ġenerali għall-Istrateġija u Implimentazzjoni tal-Politika Soċjali, Amy Jo Mifsud Membru fil-Youth Advisory Forum, Jonathan Gerada Chief Artificial Intelligence Officer tal-Gvern, Maria Micallef Chairperson tal-MCESD u Massimo Vella, Kap Eżekuttiv ta' servizz.gov.

### Pagament ieħor ta' €500 għal studenti post-sekondarji jew terzjarji

Il-Gvern għamel investiment ta' €8 miljun oħra fiż-żgħażagħ, din id-darba permezz tal-allowance għall-istudenti post-sekondarji jew terzjarji. Miżura li bdiet titħaddem sentejn ilu, u li għandha l-iskop li jiġu megħjuna ġenituri ta' tfal li wliedhom jibqgħu jistudjaw full-time (jew kors li minkejja li jkun part-time jkun ikkunsidrat daqs full-time).

L-allowance ta' €1,500 hu maqsum fi 3 pagamenti ta' €500 u eliġibbli għalih huma dawk li fil-bidu tas-sena skolastika jkunu għalqu 16-il sena iżda mhux 21 sena. Dawn il-flus jingħataw minbarra l-istipendju li jkun qed jirċievi l-istudent u l-allowance titħallas b'mod awtomatiku mingħajr ħtieġa ta' applikazzjoni.

Intant fl-istess żmien, kien hemm ukoll 726 familja oħra li rċivew l-Għotja Diġitali ta' €500 oħra għal studenti tal-età bejn l-10 u l-11 il-sena. Dawn il-familji kienu għadhom ma rċevewx din l-għotja u b'hekk issa qed jingħaqdu ma' 7,485 familja oħra li diġà rċevew din l -għotja fil-ġimgħat li għaddew. B'kollox minn din l-għotja bbenefikaw kważi 8,500 student ieħor.


Ritratt: Kordanalev

34,000 pensjonant jirċievu aktar minn €20 miljun bejniethom

F'konferenza tal-aħbarijiet, il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja ħabbar li kienu qed jingħalqu diversi proċessi ta' aġġustament li wasslu għal aktar titjib fid-dħul tal-pensjonanti. Dawn primarjament jolqtu lil sezzjoni ta' pensjonanti mwielda qabel l-1962 u li magħhom kienet saret inġustizzja. Dawn jinkludu pensjonanti romol u oħrajn tas-servizz.

Il-Ministru Michael Falzon spjega kif aktar minn 34,000 pensjonant bejniethom se jirċievu €20.5 miljun oħra, minbarra ż-żidiet li ħadu mill-bidu tas-sena. "Il-kelma tagħna hija kuntratt, dak li wegħedna wettaqnieh u morna oltre," stqarr il-kelliem.

Il-Ministru żied jgħid kif prattikament tlesta l-proċess tal-aġġustament ta' din is-sena għall-pensjonanti mwielda qabel l-1962. Dawn il-pensjonanti ilhom mill-2024 iggarantiti żieda bażika daqs dawk imwielda fl-1962 jew wara. U b'hekk issa qed tissewwa l-inġustizzja li nħolqot fl-2006 bejn il-pensjonanti mwielda qabel, u dawk wara l-1962.

Bħala parti mill-proċess ta' aġġustament pensjonanti mwielda qabel l-1962 u li d-dħul pensjonabbli tagħhom huwa ogħla mis-ceiling kif qed ikun rivedut, qed jieħdu żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom. B'kollox minn din il-miżura qed jibbenefikaw madwar 20,000 pensjonant, inkluż pensjonanti romol, li bejniethom din is-sena se jirċievu €16.5 miljun. Meta dan il-proċess jintemm sentejn oħra, l-ogħla dħul pensjonabbli ta' dawk li kienu milquta bl-inġustizzja li saret se jkun l-istess għall-pensjonanti kollha, irrispettivament minn meta twieldu.

Il-Ministru Falzon tkellem ukoll dwar iż-żieda addizzjonali għal Pensjonanti Romol, fejn dan il-proċess se jintemm fix-xhur li ġejjin u se jwassal biex il-pensjonanti romol kollha jibdew jirċievu l-istess rata ta' pensjoni li kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom kieku għadhom ħajjin. Madwar 7,000 armla qed igawdu minn dan id-dħul addizzjonali li b'kollox din is-sena jammonta għal madwar €2.5 miljun.

Intant tlesta wkoll il-proċess li bih l-ammont ta' pensjoni tas-servizz, li ma jiġix kkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, qed jiżdied b'€200 oħra għal €3,866.

Sors tal-kontenut - https://familja.gov.mt/

Ġabra speċjali ta’ intervisti

Is-Sur Raymond Chetcuti
Advisor MSF

Tonio Bonello
Editur MSPC



Ritratt: Is-Sur Raymond Chetcuti, Advisor MSF

Fl-okkażjoni tas-70 Sena Anniversarju tas-Sigurtà Soċjali f’pajjiżna, matul din is-sena qed inwasslu Edizzjoni Speċjali ta’ rivista FAMILJA kull xahrejn fejn qed inlaqqagħkom ma’ numru ta’ esponenti ewlenin, passata u reċenti li kienu fundamentali biex dan il-poplu, u dawn il-gżejjer waslu fejn huma llum.

Protagonist ieħor ewlieni f’din il-mixja twila ta’ dawn is-70 sena ta’ Sigurtà Soċjali hu s-Sur Raymond Chetcuti. Twieled il-Mosta nhar is-6 ta’ April tal-1960 u aktar tard kien mar jgħix in-Naxxar.

Is-Sur Chetcuti segwa l-edukazzjoni tiegħu fi skejjel tal-gvern  u inkluż is-Sekondarja Għolja Miżżewweġ lil Mariella u kellhom żewġt ulied, Keith u Gayle Marie. Illum il-ġurnata, is-Sur Chetuti jagħti s-servizzi tiegħu bħala Advisor.

**Bdejt biex staqsejtu dwar kemm ilu jaħdem fil-ħidma tas-Sigurtà Soċjali ta’ dan il-pajjiż? X’kienet l-istorja tiegħu? Kif beda? F’liema grad/pożizzjoni daħal? X’kien l-ambjent b’mod ġenerali dak iż-żmien? U kif kompla tiela’ pass pass sakemm wasal fil-kariga li jinsab fiha llum?**

Bdejt naħdem fis-Sigurtà Soċjali meta kien għad kelli 17-il sena. Kont dħalt mal-Gvern f’Diċembru 1977 bħala skrivan.  Għal żmien twil, jiġifieri sas-sena 2000 kont fl-Uffiċini Distrettwali.

Bdejt il-Mosta, imma tista’ tgħid ħdimt fid-distretti kollha ta’ Malta, uħud bħala tal-post u f’oħrajn bħala floater. Din tatni esperjenza kbira dwar il-ħtiġijiet ta’ partijiet differenti tal-gżira tagħna.

Bqajt nistudja u nagħti l-eżamijiet li joħorgu biex eventwalment fid-distretti kont spiċċajt bħala District Manager. Fis-sena elfejn imbagħad kienet ħarġet applikazzjoni għal Assistent Direttur Non Contributory. Applikajt u ntagħżilt.

Hemmhekk kelli nħalli d-distretti u nidħol il-Head Office. Kien pass diffiċli ħafna għalija peress li jien iffissat dwar Customer Care u nħobb ħafna lill-klijenti, u allura issa b'dan il-pass kien ifisser li kelli ninqata' minn magħhom.

Imma d-dipartiment tagħna huwa kbir u f'dan il-kuntest, imbagħad dawwart l-attenzjoni tiegħi fuq il-ħafna staff li issa kelli taħti. S'intendi lili kienu jafuni kollha u laqgħuni u ħadmu miegħi biex kont nista' nittrasforma s-sezzjonijiet b'ħafna miżuri tal-budget sabiex ix-xogħol jitħaffef u l-benefiċjarji jinqdew aħjar.

Ritratt: Il-familja Chetcuti: Raymond u martu Mariella, ma' wliedhom Gayle Marie u Keith



Wara xi snin ilħaqt Direttur u barra s-sezzjonijiet Mhux Kontributorji, ingħatajt f'idejja wkoll il-Customer Care u allura d-Distretti li tant kont inħobb. Kien żmien ta' ħafna xogħol, imma meta jkollok il-koperazzjoni tal-kollegi ma jkollokx problemi.

Aktar tard imbagħad kont ġejt maħtur Direttur Ġenerali, Income Support and Compliance Division li kienet tinkorpora fiha l-benefiċċji kollha Mhux Kontributorji, kif ukoll il-Benefit Compliance. Hawn bqajt immexxi sal-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħi meta floki mbagħad laħaq is-Sur George Cremona.

**Din is-sena (2026) qed infakkru s-70 anniversarju mit-tnedija tas-Sigurtà Soċjali f'Malta. X'memorji jġiblek personalment lilek dan l-anniversarju?**

Nistqarr miegħek li xħin inħares lura, inħoss nostalġija kbira. Jien niftakar kollox isir bil-kitba u balal ta' karti u applikazzjonijiet. Niftakar ukoll il-ħlas tal-bolli tas-Sigurtà Soċjali mid-distrett. Niftakar anke meta kienu nqabdu l-bolol foloz fi Sqallija u nbidlet is-sistema kif jitħallsu.

Fl-uffiċċju konna niktbu ċ-ċekkijiet kollha bl-idejn, kull ġimgħa. Bidla kbira għalkemm b'mod kajman, niftakar meta bdejna naqilbu għal komputerizzazzjoni. Kienu kollha passi iebsin fid-direzzjoni t-tajba imma ġabu ċerta tbatija lilna sabiex drajna s-sistemi li kienu totalment differenti minn dawk li qabel konna nużaw.

Xħin inħares aktar qrib nara r-rivoluzzjoni li saret fl-aħħar ħmistax-il sena, bl-introduzzjoni ta' benefiċċji li qatt ma konna noħolmu bihom, bħal mhu t-Tapering tal-Benefiċċji u l-InWork Benefit, ir-riforma kbira fl-Għajnuna għad-Diżabilità, kif ukoll ir-riforma kbira tal-Carers. Dawn fost ħafna oħrajn.

Kif diġà spjegajt, tiftakar żmien fejn kien isir kollox bl-idejn; il-fotokopji tal-formoli, il-mili tal-formoli, arkivjar ta' mijiet u eluf ta' files, il-biċċa xogħol biex issib file, il-korrispondenzi mal-pubbliku bil-posta u forsi bit-telefown – u dan kollu vs l-introduzzjoni tal-kompjuter, il-printer, il-ħażna tal-informazzjoni elettronika, l-introduzzjoni tal-emails…

**Imma għid il-verità, x'tippreferi, dak iż-żmien, jew illum? U għaliex?**

Il-verita hi li għal bidu tisħet il-mument tal-bidla għax tkun sirt konservattiv u tkun trid tħoss il-karta biex taħdem, imma llum li s-sistema ingranat, ma rridx nerġa' lura għal li konna. Biss biss, li korrispondenza tasal dak il-ħin stess turik id-differenza, milli files u/jew karti li kienu jridu jivjaġġaw bl-idejn minn ħafna uffiċini u registries qabel jaslu fid-destinazzjoni tagħhom.

B'din is-sistema tħaffef ix-xogħol u l-klijent qed jitħallas f'iqsar żmien avolja żidna proċess ta' verifikar ta' applikazzjonijiet b'kuntatt dirett mat-Tax Compliance Unit fejn b'riżultat ta' dan naqqasna l-frodi.

**Semmi tlett esponenti ewlenin (jistgħu jkunu impjegati tad-Dipartiment, impjegati tal-Ministeru, uffiċjali tal-Gvern, politikanti, familjari, oħrajn) li kienu kruċjali biex il-qasam tas-Sigurtà Soċjali f'pajjiżna wasal fejn hu llum? U għal xiex dawn il-personaġġi msemmija kienu fundamentali?**

Jekk insemmi individwi jista' jkun li nkun qed nonqos lil xi ħadd. Dejjem naf li kellna Ministri u Segretarji u Diretturi li kollha ħadmu għal ġid tad-Dipartiment. Iż-żminijiet ma jkunux dejjem l-istess u allura mhux dejjem isir li tixtieq għax il-finanzi tal-pajjiż iħollu u jorbtu.

Fl-aħħar snin għaliex il-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż kien tajjeb ħafna, stajna nagħmlu għadd ta' miżuri li ħadmu tajjeb ħafna favur il-poplu kollu. Ir-relazzjoni tiegħi dejjem kienet tajba ma' kulħadd għaliex dejjem urejthom rispett u mort quddiemhom bi proposti u soluzzjonijiet validi.

**Semmi dawk l-aktar tlett passi (jew miżuri) importanti li fl-opinjoni tiegħek kienu l-aktar fundamentali u li ġew imwettqa f'dawn l-aħħar 70 sena f'pajjiżna, u għaliex?**

L-akbar pass fundamentali kienet il-Ligi tas-Sigurtà Soċjali li fiha ġabret il-Pensjonijiet u l-Benefiċċji Kontributorji, kif ukoll il-Benefiċċji Mhux Kontributorji. Reċentement imbagħad insemmi l-mizuri tal-Make Work Pay li kienu suċċess assolut, kif ukoll il-Benefiċċji tal-Covid li ġew żviluppati fi żmien qasir u kollox inħadem virtwalment fejn utilizzajna l-ħaddiema

tagħna kollha biex jaħdmu minn djarhom u minbarra l-benefiċċji kollha li kienu jitħallsu, żdiedu magħhom eluf kbar ta' benefiċċji oħra relatati mal-Covid li tħallsu fil-pront.

**Semmi tlett miżuri li għadhom ma ġewx imwettqa iżda li minn dejjem kienu l-ħolma personali tiegħek li tara li jidħlu fis-seħħ u li tixtieq li dawn jiġu implimentati matul dawn it-tlett snin li ġejjin? U għalfejn?**

B'sodisfazzjon ngħid li dawk il-miżuri li dejjem ħlomt dwarhom fis-snin li għamilt naħdem, ġew imwettqa kollha għax jien dak li nemmen fih inressqu fil-pront. Fejn tkun miżura goffa, kont nara li nqassamha f'miżura iżgħar ħalli tiġi aċċettata mill-Finanzi u wara nżid u nemenda ftit ftit mas-snin.

**Kif tħares, inti lejn il-qasam tas-Sigurtà Soċjali, f'perjodu ta' 10 snin mil-lum? Dan anke fid-dawl fejn il-piż tal-pensjonijiet qed dejjem jikber? Ħa tibqa' sostenibbli sitwazzjoni tali għal daqshekk żmien fis-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha llum? Iva jew Le, għaliex?**

Jien nemmen li jekk naħdmu bil-għaqal, iva tista' tibqa sostenibbli. Jekk nitkessħu żżejjed bl-over-population u għax għandna ħafna turisti u ħafna qżież ieħor, hemmhekk jinbtu ħafna problemi.

L-over-population qed tissapportja l-iżvilupp tal-ekonomija tagħna u tħalli fil-kaxxa ta' Malta biljuni ta' euros f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali u taxxa u VAT, kif ukoll xogħol kbir għaliex dawn iridu jieklu, jilbsu u jiddevertu, fost affarijiet oħra. Mill-over-population li hawn, kulħadd qed jaħdem u ħadd mhu jerda' minn fuq dahar il-Maltin.

**Taħseb li l-futur tal-ġenerazzjonijiet tal-anzjani li ġejjin se jkun esklussivament ibbażat fuq Pjan ta' Pensjonijiet Privati jew tħoss li l-Gvern (ikun min ikun) xorta waħda jrid jara li b'xi mod jibqa' responsabbli u li b'xi mod ikollu rwol ta' sehem fil-piż biex l-anzjani Maltin u Għawdxin t'għada jibqa' jkollhom dħul deċenti għal tul ħajjithom kollha?**

Jien inħoss li r-responsabbilità fuq il-poplu taqa' fuq il-Gvern biex jiggarantixxi dħul diċenti għall-anzjani. Li jiġu mħajra jinvestu, dejjem aħjar ħalli jgħinu ruħhom tajjeb għal meta jieqfu mix-xogħol li s'intendi mhux se jkollhom dħul daqs meta kienu jaħdmu.  Il-bolla l-gvern jiġborha, allura jrid ikun garanzija hu tal-pensjonijiet.





Ritratti: Id-Direttur Ġenerali, is-Sur George Cremona flimkien mas-Sur Raymond Chetcuti

**Illum aħna pajjiż Membru tal-Unjoni Ewropea. Meta tqis x'għamilna aħna, dawn il-gżejjer tant ċkejkna fejn il-kumplament tal-Ewropa vs fejn waslu sal-lum il-kumplament tal-pajjiżi Membri, xi tħoss? Fejn tara li wasalna? Fejn tara li għad fadlilna triq x'nimxu? Fejn tara li ninsabu minn tal-ewwel f'dak li rnexxielna nwettqu? U x'inhu l-awgurju tiegħek għal ġejjieni ta' Malta u Għawdex tas-snin li ġejjin?**

Kif diġà għedt, jekk nibdew naraw kbir għax il-bwiet mimlijin u naraw lil kulħadd dubbien, nistgħu nkissru dak li bnejna aħna stess. Bl-età kbira tiegħi, niftakar il-boom tat-turiżmu fl-imgħoddi fejn kulħadd tkessaħ fil-prezzijiet li kienu qed jintalbu t-turisti u wara wasal l-għaks għax dawn bdew isibu destinazzjonijiet oħra u lilna, ħallewna!

Kieku ma kienx għall-għaqal tad-diversifikazzjoni fil-prodotti li noffru għat-turiżmu, kieku illum m'għandniex dan il-ġid kollu fil-kaxxa ta' Malta. Issa diġà bdejna li rridu lit-turist sinjur biss u l-oħrajn qed nitrattawhom ħażin. Issa min beda l-istudenti f'Malta qed jgħidu li ħloqna Ibiza oħra!

Jien nawgura li kulħadd ifittex l-interess Nazzjonali qabel dak partiġġjan għax fejn jidħol il-ġid tal-pajjiż m'hemmx kulur politiku. Kull gvern li kien hemm, dejjem bena fuq li sab.

# Ftit ġimgħat qabel, ħalla messaġġ mill-isbaħ lil waħda minn uliedu f'għeluq sninha

Mar jistrieħ fil-ħajja ta' dejjem il-kollega tagħna, id-Direttur Benefits Compliance, fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Bryan Degabriele

Tonio Bonello
Editur MSF



Bryan Degabriele, kien minn San Ġwann, iżda maż-żmien kien mar jgħix mal-familja tiegħu Santa Venera. Segwa l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ De La Salle u aktar tard fil-Global College Malta. Qabel l-aħħar impenn tiegħu bħala Direttur għall-Ministeru tal-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, fis-snin preċedenti kien Direttur Corporate Services fil-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriżi u Żvilupp Sostenibbli biex sussegwentement ta servizzi tiegħu bħala Direttur Operations fil-Ministeru għat-Turiżmu.

Ingħaqad mal-Ministeru għal Politika Soċjali u l-Familja (dak iż-żmien il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal) sena u nofs ilu u matul dan iż-żmien qasir, Bryan kien diġa' esegwixxa numru ta' bidliet relevanti li, żgur se jibqa' mfakkar għalihom fiż-żmien li ġej.

Ftit ġimgħat biss qabel ħalla din l-art għal ħajja ta' dejjem, Bryan ħaseb biex kiteb kelmtejn mill-isbaħ lil dik li hu kien isejjaħ bħala, l-iżgħar prinċipessa tiegħu, bintu Dezaia f'għeluq it-8 snin tagħha. Messaġġ fuq il-paġna pubblika tiegħu ta' facebook li kien jaqra hekk:

"Awguri lill-iżgħar prinċipessa tiegħi, Dezaia, f'għeluq it-8 snin tagħha! Donnu l-bieraħ kont qed inżommok f'idi għall-ewwel darba, u llum diġà tagħlaq 8 snin. Int ġibt tant ferħ, u t-tbissima u l-innoċenza tiegħek tixgħel kull kamra.

Nawguralek ġurnata mimlija ferħ, rigali u mumenti sbieħ daqs kemm inti tagħmel il-ħajja tagħna sabiħa. Ibqa' dejjem dik it-tifla li int: ħelwa, kuraġġuża u mimlija ħolm. Inħobbok aktar minn kull kelma li nista' ngħid. Awguri, għażiża tiegħi!"

Konvint li min fejn hu, Bryan se jibqa' jsegwi l-familja tiegħu b'tant għożża u imħabba ta' missier li għalih, il-familja tassew kienet kollox.

Il-Ministeru tagħna għamel ġabra b'risq il-Community Chest Fund b'tifkira ta' Bryan u li din laħqet is-somma ta' €2,011.

Kondoljanzi l-familja, qraba u ħbieb ta' Bryan u f'isem il-familja għażiża tiegħek, u f'isimna lkoll, strieħ fis-sliem ħabib. Sa ma nerġgħu niltaqgħu...